



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

10900/23

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0199 (COD)**

---

---

CADREFIN 94  
POLGEN 82  
FIN 674  
TELECOM 213  
CYBER 170  
COMPET 664  
RECH 295  
CLIMA 320  
ENV 742  
INDEF 24  
POLMIL 166  
SOC 468  
ECOFIN 637  
COH 48  
CODEC 1199

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| data meta waslet: | 21 ta' Ġunju 2023                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Nru dok. Cion:    | COM(2023) 335 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
| Suġġett:          | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 335 final.

Mehmuż: COM(2023) 335 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.6.2023  
COM(2023) 335 final

2023/0199 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”) u li  
jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE)  
2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE)  
2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

**L-impenn fit-tul tal-UE favur tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-impatt fuq l-industrija fl-UE.**

L-UE hija destinazzjoni attraenti għall-investimenti globali. Is-Suq Uniku Ewropew matul dawn l-aħħar 30 sena ta benefiċċji ekonomiċi sinifikanti ħafna, u wassal lill-UE għal PDG li huwa sa 9 % ogħla fuq medda twila ta' żmien milli kien ikun il-każ mingħajr is-Suq Uniku<sup>1</sup>. Il-mudell kummerċjali Ewropew huwa bbażat fuq il-fatt li huwa miftuħ u l-UE toffri ambjent favorevoli għan-negozju. Il-mudell soċjali Ewropew jipprovdi edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi, sistemi ta' protezzjoni soċjali li jiffunzjonaw tajjeb, kif ukoll servizzi pubbliċi tas-saħħa u protezzjoni ambjentali. Flimkien ma' kompetizzjoni ġusta u qafas regolatorju mingħajr paragun immirat lejn it-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika u r-reżiljenza, dan qed jgħin biex jipprovdi l-prevedibbiltà meħtieġa għall-investituri.

It-tisħiħ tal-kompetittività u tar-reżiljenza f'setturi strateġiċi u t-tnaqqis tad-dipendenzi tal-ekonomija Ewropea permezz tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kienu l-boxxla tal-UE għal dawn l-aħħar snin. Bin-NextGenerationEU<sup>2</sup>, il-programm ewlieni tal-UE għall-irkupru ekonomiku, l-UE kienet diġà naqqset id-distakk mal-livelli tal-output ta' qabel il-pandemija sas-sajf tal-2021. Il-fondi mmirati lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja qed jagħmlu l-ekonomija tagħna aktar kompetittiva. L-isforzi bla preċedent mill-Istati Membri biex jimplimentaw riformi kruċjali jżidu r-reżiljenza tal-UE.

L-industrija tal-UE tat prova tar-reżiljenza inerenti tagħha iżda qed tiġi sfidata. L-inflazzjoni għolja, l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ħiliet, it-tibdil demografiku, it-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista ta' wara l-COVID, iż-żieda fir-rati tal-imġax, u ż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija u fil-prezzijiet tal-input qed iħallu impatt fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE. Dan huwa akkumpanjat minn kompetizzjoni qawwija, iżda mhux dejjem ġusta, f'suq globali frammentat. L-adozzjoni u l-espansjoni ta' ċerti teknoloġiji kritiċi u emerġenti f'setturi strateġiċi fl-Unjoni se jkunu essenzjali biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet u jintlaħqu l-oġġettivi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ħalli jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi u jiġu ffaċilitati l-investimenti transfruntiera madwar is-Suq Uniku kollu. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni immedjata biex tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji kritiċi, jew biex tħares u ssaħħaħ il-ktajjen tal-valur tagħhom, fl-oqsma li ġejjin: teknoloġiji profondi u diġitali, teknoloġiji nodfa, u bijoteknoloġiji. L-Unjoni jeħtieġ ukoll li tindirizza l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet f'dawk is-setturi strateġiċi.

L-UE diġà pproponiet diversi inizjattivi biex tappoġġa l-industrija tagħha. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku<sup>3</sup> jfittex li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tal-Ewropa b'emissjonijiet żero netti, jiżgura l-volumi meħtieġa għall-materja prima kritika u jappoġġa t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Dan jipprovdi ambjent aktar ta' appoġġ għaż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-UE fit-teknoloġija nadifa. Il-pjan huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u simplifikat, li jħaffef l-aċċess għall-finanzi, itejjeb il-ħiliet, u jiftaħ il-kummerċ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Bl-Aġenda Ewropea għall-

<sup>1</sup> Komunikazzjoni dwar It-30 Sena mis-Suq Uniku, COM(2023) 162 final.

<sup>2</sup> [https://next-generation-eu.europa.eu/index\\_mt](https://next-generation-eu.europa.eu/index_mt)

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni dwar Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era b'Emissjonijiet Żero Netti, COM(2023) 62 final.

Innovazzjoni,<sup>4</sup> l-UE fittxet li tpoġġi l-Ewropa fuq quddiem nett fil-mewġa l-ġdida ta' innovazzjoni teknoloġika profonda u ta' negozji ġodda. Wieħed mill-oġġettivi ewlenin tagħha huwa li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji ġodda Ewropej u għal dawk li qed jespandu, pereżempju, billi timmobilizza sorsi mhux sfruttati ta' kapital privat u tissimplifika r-regoli tal-elenkar. Barra minn hekk, f'Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat Qafas Temporanju ġdid ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat<sup>5</sup>. L-Istati Membri għandhom aktar flessibilità biex ifasslu u jimplimentaw miżuri ta' appoġġ f'setturi li huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. L-Istati Membri bħalissa qed jemendaw ukoll il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza biex jinkludu l-Kapitoli tar-REPowerEU,<sup>6</sup> li hija opportunità kruċjali biex jiġi pprovdut appoġġ immedjat lill-kumpaniji u tingħata spinta lill-kompetittività tagħhom, mingħajr ma jinħolqu dipendenzi strateġiċi bla bżonn.

Filwaqt li dawn is-soluzzjonijiet jipprovdu appoġġ rapidu u mmirat, l-UE teħtieġ tweġiba aktar strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment tal-industriji tagħha. Kif indikat il-President von der Leyen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2022<sup>7</sup>, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-futur tal-industrija jissawwar fl-Ewropa. Barra minn hekk, politika industrijali Ewropea komuni teħtieġ finanzjament Ewropew komuni<sup>8</sup>. **Għalhekk, hemm il-ħtieġa li tiġi stabbilita Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP").**

Il-Pjattaforma għandha tgħin biex jinżamm il-vantaġġ Ewropew fir-rigward tat-teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, minn teknoloġiji relatati mal-computing, inklużi l-mikroelektronika, il-computing kwantistiku, u l-intelliġenza artifiċjali; sal-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, u t-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni u rrakkomanda l-“[i]żgurar tal-mobilizzazzjoni sħiħa tal-finanzjament disponibbli u tal-istrumenti finanzjarji eżistenti u l-użu tagħhom b'mod aktar flessibbli, sabiex jiġi pprovdut appoġġ f'waqt u mmirat f'setturi strateġiċi mingħajr ma jiġu affettwati l-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni”<sup>9</sup>. B'dan il-mod, STEP għandha tgħin ukoll biex jiġi mobilizzat il-kapital privat sabiex tiġi appoġġata l-kompetittività tan-negozji Ewropej f'dawn it-teknoloġiji fl-isfera globali, li min-naħa tagħha se twassal għall-bini tal-kapaċità domestika.

It-tqegħid ta' STEP fil-qalba tal-baġit tal-UE huwa l-aktar soluzzjoni effettiva. It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, ir-reżiljenza u t-teknoloġiji diġitali diġà huma prinċipji gwida tal-qafas finanzjarju pluriennali: 30 % tal-QFP ta' EUR 2 triljun għall-2021-2027 li jinkludi l-programmi ta' rkupru tan-NextGenerationEU qed jintnefqu fuq azzjonijiet klimatiċi u aktar minn 20 % tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija ddedikata għall-politiki diġitali. Barra minn hekk, il-Programm Ewropa Diġitali jappoġġa t-twassil tat-teknoloġija diġitali għal-negozji, liċ-ċittadini u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Il-baġit tal-UE huwa wkoll l-għodda aħħarija tal-UE biex tinfed is-Suq Uniku u l-azzjoni komuni b'valur miżjud fil-livell tal-UE, filwaqt li tiżgura ekonomiji ta' skala, effettività, solidarjetà u tgħaddi messaġġ politiku ċar li l-UE taffaċċja l-isfidi bħala entità magħquda.

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni dwar Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida, COM(2022) 332 final.

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni dwar Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat (ĠU C 101, 17.3.2023, p. 3).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/435 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

<sup>7</sup> [https://state-of-the-union.ec.europa.eu/state-union-2022\\_mt](https://state-of-the-union.ec.europa.eu/state-union-2022_mt)

<sup>8</sup> Diskors tal-4 ta' Diċembru 2022, [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/speech\\_22\\_7487](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/speech_22_7487)

<sup>9</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-23 ta' Marzu 2023, EUCO 4/23

Il-ħolqien ta' STEP huwa allinjat bis-sħiħ mal-ambizzjonijiet stabbiliti mis-sħab tal-Ewropa. L-Inflation Reduction Act tal-Istati Uniti se jimmobilizza aktar minn USD 360 biljun sal-2032 (madwar EUR 330 biljun). Il-pjanijiet tal-Ġappun għat-trasformazzjoni ekoloġika għandhom l-għan li jiġbru sa JPY 20 triljun (madwar EUR 140 biljun)<sup>10</sup>. L-Indja ressqet il-Production Linked Incentive Scheme (skema ta' inċentivi marbuta mal-produzzjoni) biex ittejjeb il-kompetittività f'setturi bħall-fotovoltajċi solari u l-batteriji. Ir-Renju Unit, il-Kanada u ħafna oħrajn ressqu wkoll il-pjanijiet ta' investiment tagħhom f'teknoloġiji nodfa. Huwa importanti li l-atturi kollha jiżguraw li l-finanzjament ikun imfassal u implimentat bil-mod li jinvolvi l-inqas tfixkil prattiku. It-tisħiħ tat-trasparenza u d-deliberazzjoni dwar is-sussidji industrijali fuq livell internazzjonali huwa daqstant ieħor kruċjali biex jiġu ssalvagwardjati u mtejbja l-kundizzjonijiet ekwivalenti eżistenti – iżda mhux kompluti – li fuqhom issawret il-prosperità tal-UE u dik globali.

### **Ħarsa ġenerali lejn il-baġit tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali**

L-UE għandha diversi fondi u programmi fil-baġit u barra l-baġit biex tipprovdi appoġġ għal teknoloġiji profondi u diġitali, teknoloġiji nodfa, u bijoteknoloġiji. Dawn l-istrumenti jinkludu b'mod partikolari l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għall-Innovazzjoni, InvestEU, il-Fond Ewropew għad-Difiża u Orizzont Ewropa:

- Il-politika ta' koeżjoni tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika (EUR 110 biljun) u diġitali (EUR 36,6 biljun) fl-Istati Membri u r-reġjuni, fosthom total ta' EUR 85 biljun taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) – il-fondi ewlenin tal-UE taħt il-politika tal-iżvilupp reġjonali – biex jappoġġaw it-tranżizzjoni enerġetika tal-UE.
- Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u REPowerEU, il-pjan tal-UE biex l-Ewropa ssir indipendenti mill-fjuwils fossili Russi, joffru opportunitajiet bla preċedent lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw l-investimenti u r-riformi ekoloġiċi u diġitali.
- Abbażi tad-dħul mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)<sup>11</sup>
  - Il-Fond għall-Modernizzazzjoni (EUR 60 biljun) jipprovdi appoġġ sostanzjali lil 13-il Stat Membru benefiċjarju biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni enerġetika tagħhom.
  - Il-Fond Soċjali għall-Klima (EUR 86 biljun) se jipprovdi appoġġ sostanzjali lill-Istati Membri biex jgħin fl-indirizzar tal-konsegwenzi tat-tranżizzjoni ekoloġika għall-gruppi vulnerabbli.
  - Il-Fond għall-Innovazzjoni (EUR 43 biljun) se jipprovdi finanzjament, sal-2030, għal teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż għall-manifattura ta' dawn it-teknoloġiji, pereżempju biex jgħin lill-industriji li jużaw ħafna enerġija jiżviluppaw sistemi ta' qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju, ta' ġenerazzjoni innovattiva tal-enerġija rinnovabbli jew ta' ħżin tal-enerġija.
- InvestEU jikkontribwixxi kemm għat-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll għad-diġitalizzazzjoni. B'kollox 30 % tal-garanzija ta' InvestEU (jiġifieri EUR 7,8 biljun) u 60 % tat-Tieqa għall-Infrastruttura Sostenibbli (EUR 5,9 biljun) jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi. Barra minn hekk, huwa mistenni li aktar minn EUR 2 biljun

<sup>10</sup> COM(2023) 62 final.

<sup>11</sup> Fuq il-bażi ta' prezz tal-karbonju ta' EUR 80 / tonnellata CO<sub>2</sub>eq

jistgħu jikkontribwixxu għall-oġettivi diġitali u aktar minn EUR 1 biljun għal investimenti relatati mal-bijoteknoloġija u mal-mediċini.

- Orizzont Ewropa, il-programm ewlieni tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, se jalloka EUR 20,2 biljun għar-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġija nadifa; EUR 11,5-il biljun għall-bijoteknoloġija u l-mediċini, u EUR 19,3-il biljun għat-teknoloġiji diġitali.
- Il-Programm Ewropa Diġitali, b'allokazzjoni baġitarja totali ta' EUR 7,6 biljun, qed jipprovdi appoġġ għat-teknoloġiji diġitali.
- Il-Fond Ewropew għad-Difiża, b'baġit ta' EUR 8 biljun, jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġija u tagħmir tad-difiża tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u interoperabbli.

Filwaqt li l-UE kienet qed tipprovdi finanzjament stabbli kemm għat-tranżizzjoni kemm ekoloġika kif ukoll diġitali, il-fondi huma ġeneralment jitqassmu f'diversi programmi ta' nfiq u jsegwu regoli differenti. L-isfruttament tal-istrumenti u l-oqfsa ta' governanza eżistenti se jħaffef l-implimentazzjoni u jippermetti l-mobilizzazzjoni ta' ammonti ogħla ta' appoġġ finanzjarju. Dan huwa l-għan ta' STEP.


### **Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)**

STEP se toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għal użu aktar effettiv, effiċjenti u mmirat tal-fondi eżistenti tal-UE filwaqt li tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku u b'hekk tiġi ssalvagwardjata l-koeżjoni. Se tgħin ukoll biex il-finanzjament eżistenti jiġi mmirat lejn il-proġetti rilevanti u biex tiġi ħaffef l-implimentazzjoni f'subsett ta' oqsma li se jiġu identifikati bħala kruċjali għall-pożizzjoni ewlenija tal-Ewropa. L-għażla tas-simplifikazzjoni u l-użu aħjar tal-istrumenti eżistenti fuq il-ħolqien ta' strument kompletament ġdid twieġeb għat-talba tal-Kunsill Ewropew u għandha tliet vantaġġi ewlenin. L-ewwel nett, it-twaqqit. Peress li l-ħolqien ta' strument ġdid jieħu mill-inqas minn 12 sa 18-il xahar, il-ġbir flimkien tal-istrumenti eżistenti jista' jsir ħafna aktar malajr. Dan ikun vantaġġ inkontestabbli għall-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE peress li huma jkollhom iċ-ċans li jgawdu l-benefiċċji tal-finanzjament tal-UE aktar malajr. It-tieni, l-adattament tal-istrumenti eżistenti jżid il-possibbiltajiet ta' taħlit ta' sorsi differenti ta' finanzjament – kemm taħt ġestjoni diretta kif ukoll taħt ġestjoni kondiżi – u b'hekk iwassal għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. U fl-aħħar nett, il-bini fuq daww il-istrumenti eżistenti se jkun ukoll aktar sempliċi għall-promoturi tal-proġetti u għall-manigġers tal-programmi. Bl-għajnuna tal-Portal tas-Sovranità, l-informazzjoni kollha dwar l-oportunitajiet ta' finanzjament se tiġi ċentralizzata. Barra minn hekk, dan se jillimita l-piż amministrattiv għall-promoturi tal-proġetti u għall-manigġers tal-programmi u se jimminimizza r-riskju ta' duplikazzjoni fost l-istrumenti.

STEP se tippermetti lill-Unjoni tirreaġixxi malajr fid-dawl tar-riskji għall-kumpaniji kritiċi għall-ktajjen tal-valur tal-Unjoni u tiżviluppa pagament supplimentari għall-proġetti multinazzjonali, bħal proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs), biex ittejjeb l-aċċess tal-Istati Membri kollha għal tali proġetti, biex b'hekk tissalvagwardja l-koeżjoni, u biex jissaħħaħ is-Suq Uniku u tiġġieled id-disponibbiltà mhux uguali tal-għajnuna mill-Istat.

Fuq din il-bażi, l-oġettiv ta' STEP huwa maqsum f'tlieta:

1. L-għoti ta' flessibbiltà lill-istrumenti eżistenti
2. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-istrumenti eżistenti
3. Il-ħolqien ta' sinerġiji fost l-istrumenti eżistenti



## L-għoti ta' flessibbiltà lill-istrumenti eżistenti biex jiġu appoġġati aħjar l-investimenti rilevanti

Il-fondi ta' koeżjoni jirrappreżentaw l-akbar politika unika tal-UE ffinanzjata mill-baġit tal-UE. Biex tincéntiva lill-Istati Membri, il-Kummissjoni tipproponi prijorità ġdida fil-fondi ewlenin kollha - il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF). Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tiftaħ dawk il-fondi għal kumpaniji kbar f'reġjuni anqas żviluppati u f'reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri bi PDG *per capita* taħt il-medja tal-UE, biex isiru investimenti akbar fl-oqsma fil-mira ta' STEP. Bl-għoti ta' inċentivi finanzjarji fil-forma ta' prefinanzjament u finanzjament tal-UE akbar, l-Istati Membri huma mħeġġa jivvalutaw mill-ġdid il-prijoritizzazzjoni tal-programmi tagħhom. Taħt dawk il-fondi, il-Kummissjoni tipproponi wkoll prefinanzjament ta' 30 % fl-2024 biex tincéntiva l-adozzjoni, u żieda fil-ffinanzjament tal-UE għal 100 % għall-proġetti ta' STEP.

Barra minn hekk, huwa propost li jiġu pprovduti flessibbiltajiet addizzjonali għall-Istati Membri biex ikunu jistgħu jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2014-2020. Il-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020 għall-politika ta' koeżjoni u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FGħEB) diġà ġie adattat biex jipprovdi lill-Istati Membri u lir-reġjuni bi flessibbiltà addizzjonali f'termini tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u b'aktar likwidità biex jiġu indirizzati l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra jew l-aggressjoni kontra l-Ukrajna<sup>12</sup>. Dawn il-miżuri, introdotti fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, jeħtieġu biżżejjed żmien u riżorsi amministrattivi biex jiġu sfruttati u implimentati bis-sħiħ. Għalhekk, qed jiġi propost li l-iskadenzi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni tal-għeluq jiġu estenzi għall-perjodu 2014-2020 bi 12-il xahar. Dan għandu jgħin lill-Istati Membri li se jiffaċċjaw ammont ta' xogħol addizzjonali marbut mar-reviżjoni tal-programmi operazzjonali għall-fini ta' STEP.

<sup>12</sup> Ir-riżorsi addizzjonali ta' REACT-EU li jirriżultaw min-NextGenerationEU żiedu l-finanzjament disponibbli fl-2021 u fl-2022 (mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament nazzjonali) biex ipprovdew lill-Istati Membri b'assistenza rapida għat-trawwim tat-tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi u l-irkupru reżiljenti. Miżuri oħra jinkludu l-pakkett tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE), u l-inizjattiva ta' Appoġġ għall-Enerġija Affordabbli (SAFE). Ara r-Regolament (UE) 2022/562 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1); ir-Regolament (UE) 2022/2039 fir-rigward tal-Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE) (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 23); u r-Regolament (UE) 2023/435 fir-rigward tar-REPowerEU (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jipprovdu riżorsi lill-InvestEU, il-programm emblematiku tal-UE biex tingħata spinta lill-investimenti fl-industrija kritiċi, il-Kummissjoni tipproponi li żżid it-trasferimenti lejn InvestEU mill-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza minn 4 % għal 10 %. Din il-flessibbiltà addizzjonali fl-użu tar-riżorsi tal-Istati Membri taħt InvestEU se tgħinhom jibbenefikaw mill-istrutturi stabbiliti u mill-għarfien espert tas-suq tas-sħab ta' implimentazzjoni tal-InvestEU, biex jagħżlu u jiffinanzjaw l-aktar kumpaniji promettenti. F'dan ir-rigward, fejn Stat Membru jiddeċiedi li jittrasferixxi r-riżorsi lill-kompartimenti nazzjonali ta' InvestEU għall-implimentazzjoni ta' prodott finanzjarju eżistenti ta' InvestEU żviluppat għall-kompartiment tal-UE mill-Kummissjoni mas-sħab ta' implimentazzjoni tal-Unjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni internazzjonali, bħall-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jiġifieri li l-Istat Membru ma għandu l-ebda kontribut diskrezzjonali għat-tfassil tal-prodott finanzjarju, tali deċiżjoni ma tagħmilx it-tfassil tal-prodott finanzjarju imputabbli lill-Istat u għalhekk tali deċiżjoni fiha nnifisha ma tinvolvi għajna mill-Istat. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji tal-Unjoni li jkunu konsistenti mar-regoli dwar l-għajna mill-Istat skont l-Artikolu 209(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju.


Barra minn hekk, sabiex tiffaċilita l-kontribuzzjonijiet relatati mal-RRF għall-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU u l-adozzjoni tiegħu, il-Kummissjoni se tadatta l-Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament (UE) 2021/241 biex tiżgura li l-prodotti finanzjarji implimentati taħt il-Fond InvestEU jkunu jistgħu jindikaw, fejn applikabbli, in-nuqqas ta' ħsara sinifikanti għas-sitt objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 billi jiġu applikati r-regoli ta' InvestEU flimkien mal-politiki rilevanti tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.

Barra minn hekk, se jiġu inklużi prijoritajiet ġodda ta' STEP fil-Fond għall-Innovazzjoni, li huwa programm ta' finanzjament għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti; il-Fond Ewropew għad-Difiża, li huwa programm ta' finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija tad-difiża, u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) taħt Orizzont Ewropa, li huwa l-programm emblematiku ta' innovazzjoni tal-Ewropa għall-identifikazzjoni, l-iżvilupp u ż-żieda fl-iskala tat-teknoloġiji rivoluzzjonarji. Barra minn hekk, se jkun possibbli għall-EIC li jipprovdi appoġġ ta' ekwità biss lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli.

#### Appoġġ ta' ekwità għas-setturi ta' STEP

Il-kumpaniji li qed ifittxu investimenti biex jibdew jew jespandu jridu jegħlbu sensiela ta' problemi interkonnessi, mill-iżgurar tal-kapital paċenzjuż sal-aċċessar ta' networks u kapaċitajiet kritiċi jekk iridu jibqgħu fl-Ewropa u jikkompetu b'mod effettiv fil-mewġa attwali ta' innovazzjoni.

*Grafika: Kapital ta' riskju skont id-destinazzjoni u skont l-istadju (2020-Q1 2023).*



Sors: Kapital ta' riskju globali – Dealroom aġġornament ta' Q1 2023.

L-UE għandha żewġ strumenti ewlenin li jipprovdu appoġġ ta' ekwità għall-kumpaniji Ewropej, jiġifieri l-Programm InvestEU u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. InvestEU huwa l-programm emblematicu tal-UE biex jiġu katalizzati l-investimenti privati fl-ekonomija tal-UE. Il-Fond InvestEU jitwassal permezz tas-sħab ta' implimentazzjoni, inklużi l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), li jużaw prodotti finanzjarji li jipprovdu appoġġ ta' dejn (inkluża l-garanzija), ekwità u kważi ekwità lil kumpaniji u proġetti li joperaw f'setturi rilevanti għas-sovranietà Ewropea.

B'mod partikolari, il-FEI juża żewġ prodotti ta' ekwità bl-allokazzjoni totali ta' garanzija tal-UE ta' EUR 5,2 biljuni u portafoll indikattiv ta' EUR 8,7 biljuni, immirati lejn ir-riċerka, l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u ż-żieda fl-iskala ta' teknoloġiji nodfa jew soluzzjonijiet ta' sostenibbiltà ambjentali u proġetti ta' infrastruttura diġitali u sostenibbli. Minn nofs l-2023, il-FEI approva aktar minn 100 investment f'fondi li mistennija jimmobilizzaw kważi EUR 30 biljun ta' investment. Il-BEI jipprovdi appoġġ tat-tip ta' ekwità taħt prodotti ta' dejn tematiku u ta' riskju li huma ta' riskju għoli, b'enfasi fost l-oħrajn fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, it-teknoloġiji diġitali strateġiċi u t-teknoloġiji abilitanti ewlenin.

It-tipi ta' appoġġ li jistgħu jiġu pprovduti permezz tal-EIC jinvolvu finanzjament imħallat, għotjiet biss u ekwità biss taħt ċerti kundizzjonijiet. F'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti, l-appoġġ ta' ekwità biss jista' jiġi pprovdut lil SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, li diġà rċewew appoġġ ta' għotja biss. Din l-inizjattiva tespandi dik id-definizzjoni billi tippermetti li tiġi pprovduta ekwità biss lil SMEs mhux bankabbli u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li jwettqu innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela f'teknoloġiji kritiċi u irrISPettivament minn jekk qabel kinux irċewew tipi oħra ta' appoġġ mill-Aċċeleratur tal-EIC. L-estensjoni proposta tipprovdi appoġġ ta' ekwità biss lil kumpaniji b'riskju għoli u b'potenzjal għoli li jimmiraw lejn investimenti fil-medda ta' EUR 15 sa 50 miljun u li jikkatalizzaw ċikli ta' finanzjament ma' koinvestituri fil-medda ta' EUR 50 sa 250 miljun.

L-EIC ġie stabbilit taħt Orizzont Ewropa biex jidentifika u jipprovdi appoġġ akbar għal teknoloġiji u innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, b'fokus fuq kumpaniji b'riskju oġġla f' stadju aktar bikri. Komponent ewleni tal-EIC huwa l-Fond tal-EIC, li huwa mfassal biex jieħu riskji li s-suq ma huwiex lest li jieħu waħdu u jelimina lakuna kritika fil-finanzjament għall-kumpaniji ta' teknoloġija profonda. Il-Fond tal-EIC ilu kompletament operazzjonali mill-ħarifa tal-2022 u diġà għamel aktar minn 130 deċiżjoni ta' investment. Madankollu, il-Fond tal-EIC ma jistax jakkomoda l-ħtiġijiet ta' għadd dejjem akbar ta' kumpaniji li jeħtieġu ċikli

ta' finanzjament ta' segwitu jew ammonti akbar ta' investment. Dan huwa partikolarment il-każ għal teknoloġiji kritiċi u emerġenti li jibqgħu ta' riskju għoli iżda jeħtieġu wkoll ammonti kbar ta' kapital biex jilhqgħu s-suq. Il-kompartiment il-ġdid tal-Fond tal-EIC jissodisfa l-ħtiġijiet għal ammonti akbar ta' investment (aktar minn EUR 15-il miljun), kif ukoll jikkomplementa strumenti u prodotti finanzjarji oħra tal-UE, inklużi dawk taħt InvestEU.

Id-domanda għall-investimenti fit-teknoloġija profonda fl-Ewropa għadha qawwija, b'aktar minn 5000 applikazzjoni fl-ewwel sentejn tal-operat tal-EIC li wasslu għall-għoti ta' appoġġ lil aktar minn 400 kumpanija. Minn dawn, 245 kumpanija ġew irrakkomandati għat-taħlita unika ta' għotja mhux dilwittiva flimkien mal-investment permezz tal-EIC u 131 minn dawn il-kumpaniji rċewew rakkomandazzjoni ta' investment ta' EUR 5 miljun jew aktar. Huwa stmat li madwar 25 % tal-kumpaniji li nġataw investment ta' aktar minn EUR 5 miljun mill-EIC se jeħtieġu finanzjament ta' segwitu ta' medja ta' EUR 25-35 miljun: li jirrappreżenta riżerva ta' 20-30 kumpanija fis-sena<sup>13</sup> li jeħtieġu EUR 0,5 sa 1 biljun fis-sena.

Fuq il-bażi tal-esperjenza attwali mill-EIC, dan l-investment appoġġat mill-UE se jisfrutta investment privat addizzjonali sa ħames darbiet ogħla u għalhekk jindirizza b'mod sinifikanti l-lakuna fis-suq. Mingħajr appoġġ addizzjonali, ħafna minn dawn il-kumpaniji jistgħu jirrilokaw barra mill-Ewropa biex jaċċessaw ċikli ta' finanzjament akbar jew jistgħu jinqabżu minn kompetituri f'pajjiżi terzi li huma ffinanzjati aħjar.

### **It-tisħiħ tal-kapaċità tal-istrumenti eżistenti biex jitħaffu l-investimenti rilevanti**

F'termini ta' riżorsi, qed jiġi propost li jiġi allokat ammont totali addizzjonali ta' EUR 10 biljun biex jappoġġa skemi ta' investment eżistenti u ppruvati sew tal-UE mmirati lejn it-tisħiħ tal-investimenti ta' STEP, filwaqt li jiġu ppreservati l-oġettivi tal-koeżjoni u jingħata kontribut għall-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku billi tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografikament ibbilanċjata tal-proġetti ffinanzjati taħt STEP permezz tal-mandati rispettivi tal-programmi parteċipanti, filwaqt li titqies in-natura mmexxija mid-domanda ta' ċerti programmi ta' implimentazzjoni.

#### **InvestEU**

L-implimentazzjoni tinsab għaddejja tajjeb b'85 % tal-garanzija inizjali diġà kuntrattata mas-sħab ta' implimentazzjoni, li tirrappreżenta EUR 22,3 biljun. L-assorbiment rapidu tal-garanzija tal-UE jiżvela l-interess kbir tas-suq fl-opportunitajiet ta' finanzjament offruti minn InvestEU. Dan jitlob it-tisħiħ tal-garanzija tal-UE b'EUR 7,5 biljun addizzjonali; dan jeħtieġ pagament supplimentari ta' EUR 3 biljun b'rata ta' proviżjonament ta' 40 %. Din il-garanzija addizzjonali għandha tintuża esklużivament għal proġett li jikkontribwixxi għall-prijoritajiet ta' STEP u li għandu l-potenzjal li jiskatta sa EUR 75 biljun ta' investimenti b'multiplikatur medju ta' 10.

Se tiġi stabbilita tieqa ta' politika ġdida ta' STEP taħt InvestEU biex tipprovdi volum addizzjonali ta' garanzija baġitarja lis-sħab ta' implimentazzjoni, li se jużaw prodotti finanzjarji tad-dejn (inklużi l-garanziji) u tal-ekwità għall-kumpaniji, inklużi l-SMEs, u proġetti fis-setturi appoġġati minn STEP, inkluż investment fil-ktajjen tal-manifattura u tal-provvista. InvestEU se jisfrutta investment addizzjonali, b'mod partikolari mis-settur privat, billi jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investment subottimali esperjenzati fis-setturi fil-mira ta' STEP. InvestEU diġà jista' jappoġġa proġetti li jaqgħu taħt il-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE u t-tisħiħ tiegħu permezz tal-ħames tieqa għalhekk se jtejjeb il-possibbiltà tiegħu li jsir dan għal proġetti kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP.

<sup>13</sup> Iċ-ċifra hija bbażata fuq l-għotjiet ta' finanzjament tal-Aċċeleratur tal-EIC fl-2021-22.

## Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

L-EIC huwa l-mezz ewlieni biex jiġi pprovdut kapital ta' avvjament lil negozji ġodda li qed jikbru malajr. Minħabba l-għarfien espert tiegħu, l-EIC jinsab f'pożizzjoni tajba biex isaħħaħ il-finanzjament f'kumpaniji li qed ifittxu kapital għall-espansjoni lil hinn mill-ewwel fażi ta' innovazzjoni. Tisħiħ baġitarju ta' EUR 0,5 biljun flimkien ma' EUR 2,13 biljun mir-riallokazzjoni u d-diżimpenji se jippermetti lill-EIC jipprovdi investimenti ta' ekwità bla preċedent għal biljetti ta' bejn EUR 15-il miljun u EUR 50 miljun. B'multiplikatur medju ta' 5, dan jista' jwassal għal EUR 13-il biljun ta' appoġġ ta' ekwità għid għall-SMEs u l-kumpaniji żgħir b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli.

## Il-Fond għall-Innovazzjoni

Il-Fond għall-Innovazzjoni, iffinanzjat mill-irkant ta' kwoti taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, huwa wieħed mill-akbar programmi ta' finanzjament tad-dinja għall-iskjerament ta' teknoloġiji innovattivi u b'emissjonijiet żero netti. Għandu l-għan li jwassal fis-suq soluzzjonijiet industrijali għad-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa u jiffoka fuq teknoloġiji u proċessi innovattivi ħafna. L-għan li jinħolqu l-inċentivi finanzjarji t-tajbin għall-kumpaniji biex jinvestu f'teknoloġija nadifa u biex jingħataw is-setgħa li jsiru mexxejja globali tat-teknoloġija nadifa huwa allinjat bis-sħiħ mal-oġettivi ta' STEP. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet dejjem akbar għall-innovazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-UE fis-swieq globali, id-daqs tal-Fond għall-Innovazzjoni għandu jiżdied b'EUR 5 biljun. F'konformità mal-oġettivi li tiġi żgurata l-koeżjoni u li jiġi promoss is-Suq Uniku, u sabiex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa madwar l-Unjoni, il-pakkett finanzjarju addizzjonali għandu jsir disponibbli permezz ta' sejħiet għal proposti miftuħa għal entitajiet minn Stati Membri li l-PDG medju *per capita* tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkulata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017. B'kunsiderazzjoni tal-esperjenza sal-lum, dan għandu jirriżulta f'investimenti globali ta' madwar EUR 20 biljun.

## Il-Fond Ewropew għad-Difiża

Il-Fond Ewropew għad-Difiża huwa kritiku biex itejjeb il-kompetittività, l-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-awtonomija teknoloġika tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. Huwa jappoġġa wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, iċ-ċentri ta' riċerka, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-universitajiet madwar l-Unjoni, kemm fil-fażijiet tar-riċerka kif ukoll fil-fażijiet tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Sabiex iwieġeb għall-ħtiġijiet dejjem akbar, il-Fond Ewropew għad-Difiża għandu jiżdied b'EUR 1,5 biljun. Meta titqies l-esperjenza limitata sal-lum, dan jista' jirriżulta f'investimenti globali ta' madwar EUR 2 biljun.

Meħudin flimkien, it-tisħiħ tal-erba' programmi u strumenti msemmija hawn fuq (InvestEU, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew għad-Difiża) jista' jkun mistenni li se jwassal għal investimenti addizzjonali fit-teknoloġiji kritiċi koperti minn STEP ta' madwar EUR 110 biljun.

Bl-għoti ta' inċentivi finanzjarji fil-fondi tal-politika ta' koeżjoni fil-forma ta' prefinanzjament u koofinanzjament akbar, l-Istati Membri huma mħeġġa jivvalutaw mill-għid il-prijoritizzazzjoni tal-programmi tagħhom. Kull 5 % tar-riprogrammazzjoni lejn il-prijoritajiet ta' STEP twassal għal EUR 18,9-il biljun ta' riżorsi magħmula disponibbli, minbarra EUR 6 biljun li għandhom jitħallsu mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Iż-żieda tal-limitu massimu taħt l-RRF għall-użu tar-riżorsi għall-prodotti ta' InvestEU permezz tal-

kompartmenti nazzjonali tiegħu tirrappreżenta flessibbiltà addizzjonali għall-Istati Membri ta' EUR 30 biljun potenzjalment disponibbli għal investimenti ta' sovranità bħal dawn.

B'kolloxx, l-ammont totali stmat ta' investimenti ġodda permezz ta' STEP jista' jilħaq sa EUR 160 biljun.

### **Il-ħolqien ta' sinerġiji fost l-istrumenti biex jiġu appoġġati aħjar l-investimenti rilevanti**

Biex jaċċessaw daww il-fondi, il-kumpaniji u l-promoturi tal-proġetti se jkunu jistgħu jikkonsultaw sit web ġdid disponibbli għall-pubbliku (il-“Portal tas-Sovranità”). Dan il-Portal se jipprovdi informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti bis-sejħiet attwali u futuri taħt il-programmi tal-UE li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP kif ukoll gwida u kuntatti maċ-ċentri ta' konsulenza eżistenti.

Barra minn hekk, se jingħata “Siġill tas-Sovranità” lil proġetti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP, dment li l-proġett ikun ġie vvalutat u jikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, ipprovduti minn sejħa għal proposti taħt Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali, il-programm l-UE għas-Saħħa, il-Fond Ewropew għad-Difiża jew il-Fond għall-Innovazzjoni, u irrispettivament minn jekk il-proġett ikunx irċieva fondi taħt daww l-istrumenti. Dawn ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità se jiġu stabbiliti bil-għan li jiġu identifikati proġetti ta' kwalità għolja. Dan is-Siġill joffri opportunità unika biex wieħed jibni fuq il-proċessi ta' evalwazzjoni ta' kwalità għolja applikabbli taħt daww l-istrumenti. Dan is-Siġill se jintuża bħala tikketta ta' kwalità u se jgħin lill-proġetti jattiraw investimenti pubbliċi u privati billi jiċċertifika l-kontribut tagħhom għall-oġġettivi ta' STEP u għalhekk se jiggwida lill-parteċipanti fis-suq fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom. Barra minn hekk, is-Siġill se jippromwovi aċċess aħjar għall-fondi u l-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-finanzjament kumulattiv jew ikkombinat minn diversi strumenti tal-Unjoni. Dan, pereżempju, se jippermetti lill-Istati Membri jagħtu appoġġ mill-FEŻR u mill-FSE+ għal proġetti li jkunu ngħataw siġill ta' sovranità b'mod dirett, soġġett għall-konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex tiżgura sinerġiji bejn ir-regoli tal-Fond għall-Innovazzjoni u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex tiżgura proċess aktar simplifikat. Il-Kummissjoni se tkompli tallinja l-kriterji u tissimplifika l-proċessi biex tiżgura li d-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat tittieħed fl-istess ħin bħad-deċiżjoni ta' finanzjament mill-Fond għall-Innovazzjoni, dment li ssir notifika kompluta mill-Istat Membru fi żmien xieraq. Tali sinerġiji qed jiġu vvalutati wkoll għal strumenti oħra magħżula tal-UE, inkluż il-Fond tal-EIC.

Il-Kummissjoni se tikkonsulta wkoll lill-Istati Membri dwar proposta li tippermetti rati oġħla ta' għajnuna permezz ta' bonus għal proġetti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP fir-reġjuni meġħjuna biex jiġi xprunat aktar żvilupp ekonomiku, filwaqt li jiġu ppreservati l-oġġettivi tal-koeżjoni.

L-awtoritajiet inkarigati mill-programmi li jaqgħu taħt STEP għandhom jiġu mhegħga wkoll jikkunsidraw l-appoġġ għal proġetti strateġiċi identifikati f'konformità mal-Atti dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u dwar il-Materja Prima Kritika li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament, soġġett għall-konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

### **STEP – enfasi fuq l-investimenti**

Sabiex tirnexxi, STEP għandha tiffoka fuq ammont żgħir ta' oqsma ta' investiment li jkunu mmirati tajjeb. Il-Pjattaforma għandha tiżgura u tippreserva vantaġġ Ewropew fit-teknoloġiji

kritiċi u emerġenti u l-manifattura relatata fl-oqsma li ġejjin<sup>14</sup>: **teknoloġiji profondi u diġitali, teknoloġiji nodfa, u bijoteknoloġiji**. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP se jiffoka fuq it-teknoloġiji mill-aktar avvanzati biex imexxi 'l quddiem it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jiġu appoġġati kemm in-naħa tal-manifattura kif ukoll il-ktajjen tal-valur.

### **Teknoloġiji profondi u diġitali**

L-innovazzjoni, u b'mod partikolari l-mewġa l-ġdida tagħha ta' innovazzjoni ta' teknoloġija avvanzata, hija t-tweġiba Ewropea għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, biex l-ekonomija tagħna jsiru aktar diġitali u biex jiġu ggarantiti l-provvista u s-sigurtà tal-ikel, l-enerġija u l-materja prima tal-Ewropa. L-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda, imsejsa fuq xjenza, teknoloġija u inġinerija mill-aktar avvanzati, u li ħafna drabi żżewweġ l-avvanzi fl-isferi fiżiċi, bijoloġiċi u diġitali mal-potenzjal li jinkisbu soluzzjonijiet trasformattivi fid-dawl tal-isfidi dinjin. Dawk l-innovazzjonijiet għandhom il-potenzjal li jagħtu spinta lill-innovazzjoni fl-ekonomija u s-soċjetà kollha, u b'hekk jittrasformaw l-isfond tan-negozju tal-UE.

L-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni diġà għandha l-għan li tpoġġi l-Ewropa fuq quddiem nett fil-mewġa l-ġdida ta' innovazzjoni teknoloġika profonda u ta' negozji ġodda. Wieħed mill-oġettivi ewlenin tagħha huwa li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji ġodda Ewropej u għal dawk li qed jespandu, pereżempju, billi timmobilizza sorsi mhux sfruttati ta' kapital privat u tissimplifika r-regoli tal-ejenkar.

STEP iżżid dimensjoni oħra għall-impenn tal-UE għat-tweġiq ta' din l-aġenda. L-UE se tmexxi aktar finanzjament, u se tiddefinixxi wkoll direzzjoni ta' investiment ċara. Dan se jkompli jappoġġa l-investimenti fit-teknoloġija profonda fl-Ewropa, għall-benefiċċju tal-ekonomija tal-UE u tas-soċjetà kollha kemm hi.

It-teknoloġiji diġitali għandhom impatt profond fuq il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE kollha kemm hi, u jagħtu spinta lill-effiċjenza u l-innovazzjoni. L-adozzjoni u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekonomija kollha se jkunu vitali għall-kompetittività u l-produttività ġenerali<sup>15</sup>. Sabiex iżżomm it-tmexxija industrijali tagħha, l-UE jeħtieġ li tikseb rwol ewleni fit-teknoloġija diġitali ewlenija.

### **Teknoloġiji nodfa**

Il-kompetittività tal-UE fis-settur tal-enerġija nadifa tinvolvi l-kapaċità li tiġi prodotta u użata enerġija nadifa għall-but ta' kulħadd, affidabbli u aċċessibbli u li l-UE tikkompeti fis-swieq globali tal-enerġija nadifa, bl-għan kumplessiv li tappoġġa t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u ġġib benefiċċji għall-ekonomija u għan-nies tal-UE. L-UE bħalissa qed taffaċċja sfidi teknoloġiċi u mhux teknoloġiċi, bħall-prezzijiet għoljin tal-enerġija, it-tfixkil fil-katina tal-provvista tal-materja prima kritika u l-iskarsezzi fil-ħiliet. It-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tal-enerġija nadifa tal-UE se jikkontribwixxi biex tiżdied il-pożizzjoni ewlenija teknoloġika tal-UE, u se jiffirma sistema tal-enerġija aktar reżiljenti, indipendenti, sigura u affidabbli meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. F'dak il-kuntest, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku ppreżentat pjan komprensiv għat-

<sup>14</sup> F'konformità mal-Aġenda Ewropea l-ġdida għall-Innovazzjoni, l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda għandha l-potenzjal li tagħti spinta lill-innovazzjoni fl-ekonomija u s-soċjetà kollha. Il-Komunikazzjoni dwar il-kompetittività fit-tul tal-UE enfasizzat it-teknoloġija nadifa, il-bijoteknoloġija u t-teknoloġija diġitali bħala oqsma rilevanti ewlenin għall-futur minħabba l-potenzjal ta' tkabbir għoli tagħhom u produttività tax-xogħol ogħla.

<sup>15</sup> Il-Komunikazzjoni dwar Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030, COM(2023) 168 final.

tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija Ewropea b'emissjonijiet żero netti u għall-appoġġ tat-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika; u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti<sup>16</sup> jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema tal-manifattura tat-teknoloġiji tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti tal-Ewropa.

Mill-2020 'l hawn, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat rapporti annwali dwar il-progress fuq il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa li jippreżentaw is-sitwazzjoni attwali u dik prevista għat-teknoloġiji u soluzzjonijiet differenti tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Skont ir-Rapport dwar il-Progress fuq il-Kompetittività tal-2022,<sup>17</sup> li l-Kummissjoni tippubblika fil-kuntest tal-Qafas ta' Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika, "L-iżvilupp u l-użu rapidu ta' teknoloġiji endoġeni tal-enerġija nadifa fl-UE huwa fundamentali għal rispons kosteffettiv, favur il-klima u soċjalment ġust għall-kriżi attwali tal-enerġija". Ir-rapport jikkonferma wkoll li aktar investimenti pubbliċi u privati fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-espansjoni u l-użu affordabbli tal-enerġija nadifa huma ta' importanza kruċjali. L-oqfsa regolatorji u finanzjarji tal-UE għandhom rwol kruċjali x'jaqdu hawnhekk. Flimkien mal-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida, il-programmi ta' finanzjament tal-UE, il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri, u monitoraġġ kontinwu tal-attivitajiet nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni, huma kruċjali għat-tfassil ta' ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE li tħalli impatt, u biex jitnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-adozzjoni mis-suq, u b'hekk tissaħħa il-kompetittività tal-UE.

## **Il-bijoteknoloġija**

Il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura huma kruċjali għall-modernizzazzjoni tal-industrija Ewropea. Dawn jintużaw f'varjetà ta' setturi industrijali bħall-kura tas-saħħa u l-farmaċewtiċi, l-agrikoltura, il-materjali u l-bijoeconomija. Il-ħsad tal-benefiċċji sħaħ tal-bijoteknoloġija jista' jgħin lill-ekonomija tal-UE tikber u jipprovdi impjiegi ġodda, filwaqt li jappoġġa wkoll l-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa pubblika, u l-protezzjoni ambjentali.

Il-pandemija tal-coronavirus uriet l-importanza tal-bijoteknoloġija, fejn il-manifatturi tal-vaċċini qdew rwol maġġuri biex tinbidel it-triq tal-pandemija. U filwaqt li l-Ewropa għadha tokkupa pożizzjoni ewlenija fl-innovazzjoni fix-xjenzi tal-ħajja, l-industrija bijoteknoloġika tagħha għadha madwar kwart id-daqs ta' dik tal-Istati Uniti kemm f'termini tan-numru ta' kumpaniji kif ukoll tal-valur tal-finanzjament ta' riskju<sup>18</sup>. Barra minn hekk, il-finanzjament – kemm fl-istadji l-aktar bikrin kif ukoll f'dawk li jiġu aktar tard – jitqies li huwa aktar limitat fl-Ewropa milli fl-Istati Uniti. Dan jillimita l-kapaċità tal-kumpaniji li jinvestu f'riżervi ta' proġetti diversifikati akbar u jħallihom dipendenti fuq l-investituri inizzjali tagħhom.

### **• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa l-pjan direzzjonali tal-UE biex tiżgura l-kompetittività fit-tul tal-industrija tal-Ewropa u tappoġġa t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jirrappreżenta l-fergħa regolatorja tiegħu. L-att ifittex li jiżgura l-għoti ta' permessi b'mod aktar sempliċi u rapidu, jippromwovi proġetti strateġiċi Ewropej, u jiżviluppa standards biex jappoġġa l-espansjoni tat-teknoloġiji fis-Suq Uniku kollu. Dan huwa kkomplementat mill-Att dwar il-Materja Prima

<sup>16</sup> Proposta għal regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, COM(2023) 161 final.

<sup>17</sup> Rapport dwar il-progress fuq il-kompetittività tat-teknoloġiji nodfa tal-enerġija, COM(2022) 643 final.

<sup>18</sup> Gong J., Romet-Lemonne J-L., Houser B., "Bridging the gap between innovation and later-stage financing for biotech in Europe", *Nature Reviews Drug Discovery* 22, 2023, pp. 438-439.

Kritika<sup>19</sup>, biex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti għal dawk il-materjali, bħall-elementi tal-art rari, li huma essenzjali għat-teknoloġiji tal-manifattura li huma kruċjali għat-tranżizzjoni doppja. Strument ewlieni ieħor biex jappoġġa l-kompetittività tal-industrija Ewropea huwa l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep<sup>20</sup>. Dan ifittex li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa fit-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet tas-semikondutturi, u jagħti spinta lis-sehem tal-UE mis-suq globali tal-mikroċipep.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta taqa' fi ħdan l-isforzi ġenerali tal-UE biex tiżgura t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tagħha. Din tikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' partijiet mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" <sup>21</sup> li jiffokaw fuq id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE.

Il-proposta se tikkontribwixxi wkoll għar-reżiljenza tal-UE u għall-awtonomija strateġika miftuħa billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE fir-rigward tat-teknoloġiji kritiċi, inklużi teknoloġiji ewlenin relatati mal-enerġija, li hija kruċjali għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' setturi oħra tal-ekonomija.

Hija tibbaża fuq il-politiki eżistenti tal-UE li jfittxu li jilhqqu l-istess oġġettiv – mill-koeżjoni sal-investimenti ta' rkupru u l-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni – li jfittxu li jappoġġaw l-ekonomija Ewropea u jidderieġu l-fondi tal-UE lejn it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Dan ir-Regolament għandu l-għan ġenerali li jistabbilixxi qafas legali li jappoġġa l-immirar tal-fondi tal-UE lejn proġetti ta' STEP. L-oġġettivi ta' STEP se jintlaħqu permezz tal-programmi li ġejjin:

- il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/1058<sup>22</sup>; il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/1056<sup>23</sup>; il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), stabbilit skont ir-Regolament 2021/1057<sup>24</sup>; ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (UE) 2021/1060<sup>25</sup>.
- il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2021/241<sup>26</sup>.
- InvestEU, stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/523<sup>27</sup>

<sup>19</sup> Proposta għal regolament li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika, COM(2023) 160 final.

<sup>20</sup> Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi, COM(2022) 46 final.

<sup>21</sup> Kommunikazzjoni dwar "Lesti għall-Mira ta' 55 %", COM(2021) 550 final; u l-proposti li jakkumpanjawha.

<sup>22</sup> ĠU L 224, 24.6.2021, p. 31.

<sup>23</sup> ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1.

<sup>24</sup> ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21.

<sup>25</sup> ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

<sup>26</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

<sup>27</sup> ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30.

- Ewropa Diġitali, stabbilit skont ir-Regolament 2021/694<sup>28</sup>; Orizzont Ewropa, stabbilit skont ir-Regolament 2021/695<sup>29</sup>; il-Fond Ewropew għad-Difiża, stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/697<sup>30</sup> u l-Fond għall-Innovazzjoni, stabbilit skont id-Direttiva 2003/87/KE<sup>31</sup>.
- STEP se tiġi implimentata wkoll fi ħdan il-programm l-UE għas-Saħħa, stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/522<sup>32</sup>, fir-rigward tal-oġettiv li jissaħħa l-iżvilupp tal-bijoteknoloġiji fl-Unjoni.

Għalhekk, meta jitqies dan ta' hawn fuq, l-Artikolu 164, l-Artikolu 173, l-Artikolu 175(3), l-Artikolu 176, l-Artikolu 177, l-Artikolu 178, l-Artikolu 182(1) u l-Artikolu 192(1) huma l-bażijiet ġuridiċi rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

#### • **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-oġettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom, peress li l-problemi huma ta' natura transfruntiera, u ma humiex limitati għal Stati Membri individwali jew għal subsett ta' Stati Membri. L-azzjonijiet proposti jiffukaw fuq oqsma fejn hemm valur miżjud dimostrabbli fl-azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-veloċità u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa fis-Suq Uniku.

Minħabba l-isfidi għall-aċċellerazzjoni tal-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u diġitali, l-intervent fil-livell tal-Unjoni jgħin biex jiġu kkoordinati r-risponsi sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Unjoni għal kapaċitajiet ta' manifattura addizzjonali u biex jiġu evitati d-dipendenzi strutturali. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista', b'mod ċar, tixpruna lill-atturi Ewropej lejn strateġija komuni ta' viżjoni u implimentazzjoni. Dan huwa kruċjali biex jiġu ġġenerati ekonomiji ta' skala u ta' ambitu u biex tiġi ġġenerata l-massa kritika meħtieġa sabiex tiżdied il-manifattura ta' teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali fl-UE, filwaqt li jiġu limitati l-frammentazzjoni tal-isforzi, l-aggravar tal-iżbilanċi reġjonali u t-tlielaq tas-sussidji bejn l-Istati Membri li jagħmlu ħsara lill-istess Stati Membri.

#### • **Proporzjonalità**

Il-proposta hija mfassla biex tgħin fl-iżvilupp ta' ekosistema tal-manifattura permezz ta' miżuri li jiffaċilitaw l-investimenti. L-oġettiv huwa li jiġu appoġġati l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni fit-tul tal-industrija Ewropea permezz tal-kapaċitajiet tal-manifattura, it-tnaqqis tar-riskju ta' investimenti fi proġetti strateġiċi, kif ukoll minn negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs.

Il-miżuri ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. STEP ma tikkonsistix minn struttura ta' fond ġdid iżda tibbaża fuq strumenti eżistenti ta' finanzjament tal-UE u r-riżorsi addizzjonali proposti huma proporzjonati għall-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti tal-Pjattaforma fuq medda ta' żmien qasira.

#### • **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-istrument xieraq billi jipprovdi regoli applikabbli direttament għall-appoġġ.

<sup>28</sup> ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1.

<sup>29</sup> ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1.

<sup>30</sup> ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149.

<sup>31</sup> ĠU L 275 25.10.2003, p. 32.

<sup>32</sup> ĠU L 107, 26.3.2021, p.1.

### 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati b'mod speċifiku. Din l-inizjattiva tqis il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati mwettqa għat-thejjja ta' inizjattivi relatati oħra, bħall-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni, il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, u l-Kumpass tad-Deċennju Diġitali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għandhom kuntatti regolari u li ilhom mal-partijiet ikkonċernati fl-industrija, mal-Istati Membri u mal-korpi kummerċjali, li għamluha possibbli li jinġabar il-feedback rilevanti għall-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta ma toħloqx strument ġdid iżda tiġi implimentata permezz ta' għodod eżistenti taħt il-baġit tal-UE, li qed jiġu emendati biex ikunu jistgħu jiġu mmobilizzati aħjar ir-riżorsi ta' investiment f'teknoloġiji kritiċi. Dawk l-għodod eżistenti, bħall-fondi ta' koeżjoni, InvestEU u Orizzont Ewropa, kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt<sup>33</sup>. Barra minn hekk, il-proposta tibni fuq proposti eżistenti li kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt, bħall-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni, il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, u l-Kumpass tad-Deċennju Diġitali kif ukoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment ippubblikata fit-23 ta' Marzu 2023. Din l-analiżi, li twettqet f'valutazzjonijiet tal-impatt jew fid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal analitiċi,<sup>34</sup> tkopri l-aktar impatti sinifikanti ta' din il-proposta. Għal dik ir-raġuni, ma hijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt oħra. Il-memorandum ta' spjegazzjoni jirrifletti wkoll il-valutazzjoni *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-appoġġ ta' ekwità biss li għandu jiġi pprovdut taħt l-EIC għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma hijiex marbuta mal-idoneità regolatorja u simplifikazzjoni iżda fiha għadd ta' dispożizzjonijiet biex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-istrumenti eżistenti tal-UE. Ir-rekwiżiti ta' rapportar inżammu f'minimu biex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet u l-kumpaniji tal-Istati Membri, filwaqt li ma jiġux imminati l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

- **Drittijiet fundamentali**

L-Artikolu 15 tal-Karta jipprevedi l-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol. L-appoġġ għall-kompetittività tal-industrija Ewropea se jiżgura t-tkabbir ekonomiku u jaċċerta li din tkompli toffri opportunitajiet ta' impjieġ liċ-ċittadini u lir-residenti tal-Unjoni.

L-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") jipprevedi l-libertà ta' intrapriża. Il-miżuri f'din il-proposta jappoġġaw il-ħolqien ta' kapaċità ta'

<sup>33</sup> B'mod partikolari l-FEŻR u l-FK (SWD(2018) 282 final), il-FSE+ (SWD(2018) 289 final), InvestEU (SWD(2018) 314 final), u Orizzont Ewropa (SWD(2018) 307 final).

<sup>34</sup> SWD(2023) 161 final, SWD(2022) 187 final, SWD(2020) 176 final, SWD(2022) 147 final, u SWD(2021) 247 final, u SWD(2023)68 final, rispettivament.

innovazzjoni u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa, u dan jista' jsaħħaħ il-libertà ta' intrapriża f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

## **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta se tirriżulta fi prefinanzjament addizzjonali li jrid jitħallas taħt il-JTF fl-2024, iffinanzjat mill-Istrument Ewropew għall-Irkupru NextGenerationEU. Dan se jirriżulta wkoll fi prefinanzjament addizzjonali li għandu jitħallas taħt il-FEŻR, il-FK u l-FSE+ fl-2024 għall-ammonti pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati għal operazzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-oġettivi ta' STEP. Il-pagamenti ta' prefinanzjament addizzjonali għall-JTF fl-2024 se jiġu ffinanzjati biss minn dħul assenjat estern u se jirriżultaw f'forniment minn qabel tal-appropriazzjonijiet ta' pagament tan-NGEU mis-sena 2026 għas-sena 2024. L-ammonti kollha se jkunu disponibbli bħala dħul assenjat estern, skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' teħid b'self tan-NextGenerationEU.

Il-pagamenti ta' prefinanzjament addizzjonali għall-FEŻR, il-FK u l-FSE+ fl-2024 se jirriżultaw f'forniment minn qabel tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2024 u huma newtrali għall-baġit matul il-perjodu 2021-2027. Dan il-prefinanzjament addizzjonali ma kienx previst fl-abbozz tal-baġit. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-ammonti pprogrammati mill-Istati Membri skont il-prijoritajiet iddedikati għall-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta' STEP u se tivvaluta l-impatt tagħhom fuq il-ħtiġijiet ta' pagament fil-kuntest tal-eżerċizzju tat-trasferiment globali fl-2024. L-ammont imħallas bħala prefinanzjament addizzjonali għandu jiġi approvat totalment mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-għeluq tal-programmi rispettivi, b'tali mod li l-ammont totali ta' pagamenti magħmula taħt il-Fondi kkonċernati jibqa' l-istess b'din il-proposta. Il-modifika proposta ma teħtieġx bidliet fil-limiti massimi annwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal impenji u pagamenti skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093, u ma timplikax bidliet fil-ħtiġijiet ta' pagament kumplessivi matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-27.

Fir-rigward ta' Orizzont Ewropa, il-proposta tikkonsisti fit-tisħiħ tal-pakkett tal-EIC b'total ta' EUR 2,63 biljun:

- EUR 0,8 biljun huma proposti li jiġu riallokati mir-riżorsi allokat għall-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" għall-perjodu mill-202[x] sal-2027;
- EUR 0,13 biljun mir-rimborżi minn strumenti finanzjarji tal-proġett pilota tal-EIC ta' Orizzont 2020
- EUR 1,2 biljun, li jirriżultaw min-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti ta' riċerka appoġġati minn Orizzont Ewropa u l-predeċessuri tiegħu, huma proposti li jerġgħu jsiru disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju, għall-benefiċċju tal-fergħa tal-EIC ta' Orizzont Ewropa; u
- tisħiħ baġitarju ta' EUR 0,5 biljun

Barra minn hekk, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jissaħħaħ b'EUR 5 biljun, il-Fond Ewropew għad-Difiża b'EUR 1,5 biljun u InvestEU għandu jibbenefika minn tisħiħ ta' EUR 3 biljun li jirriżulta f'garanzija ta' EUR 7,5 biljun.

L-implikazzjonijiet totali għall-baġit għall-QFP għalhekk huma ta' EUR 10 biljun.

## 5. ELEMENTI OĦRA

### • **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma u tkejjel l-ilħuq tal-oġġettivi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament b'mod immirat u proporzjonat. Il-Kummissjoni se tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u r-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u rapidu.

Sabiex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma, il-Kummissjoni se tiġbor l-infiq relatat ma' STEP mill-programmi rilevanti. Il-miri rispettivi tal-infiq fuq il-klima taħt il-programmi rilevanti jkomplu japplikaw. Dan jeħtieġ dan li ġej:

- Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni: l-aġġornament tal-Anness I tar-Regolament biex jinkludi oqsma ta' intervent addizzjonali;
- Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: it-tikkettar u r-rapportar abbażi ta' diżaggregazzjoni tan-nefqa proġettata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 29(3) ta' dak ir-Regolament għal investimenti relatati mal-oġġettivi ta' STEP;
- InvestEU: insegwiment tan-nefquet mill-Kummissjoni.
- Programmi ta' ġestjoni diretta (Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm l-UE għas-Saħħa): insegwiment tan-nefquet mill-Kummissjoni.

Sabiex timmonitorja u tivvaluta l-prestazzjoni tal-programm, il-Kummissjoni se tiġbor ir-riżultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni relatati ma' STEP mill-programmi rilevanti.

L-implimentazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni relatati ma' STEP teħtieġ:

- Strumenti ta' koeżjoni: l-emendar tal-annessi tar-regolament speċifiku għall-fond li fihom l-indikaturi tal-prestazzjoni;
- InvestEU: l-emendar tal-Anness III tar-Regolament InvestEU li fih l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ;
- Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: l-użu tal-qafas ta' rapportar eżistenti
- Programmi ta' ġestjoni diretta (Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm l-UE għas-Saħħa): informazzjoni li għandha tinġabar mill-Kummissjoni.

### • **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament (l-Artikoli 1 sa 8) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni meħtieġa għall-ħolqien ta' STEP, filwaqt li l-Kapitolu 2 fih l-emendi għal biċċiet rilevanti oħra tal-leġislażzjoni tal-UE (l-Artikoli 9 sa 19).

#### Suġġett u oġġettivi tal-Pjattaforma (l-Artikoli 1 u 2)

L-Artikolu 1 jispjega s-suġġett tar-Regolament, u l-Artikolu 2 jiddefinixxi l-oġġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument. F'konformità mal-Artikolu 2, STEP għandha oġġettiv doppju: (i) li tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi fl-Unjoni jew li tissalvagwardja u ssaħħa il-ktajjen tal-valur tagħhom; u (ii) li tnaqqas l-iskarsezzi ta' ħaddiema u ta' ħiliet f'dawk is-setturi strateġiċi. L-Artikolu 2 jiddefinixxi wkoll l-oqsma għal

dawk it-teknoloġiji kritiċi, jiġifieri teknoloġiji profondi u diġitali, teknoloġiji nodfa, u bijoteknoloġiji. Din id-dispożizzjoni tispjega wkoll li, sabiex teknoloġija titqies bħala kritika għall-finijiet tal-Pjattaforma, din għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) iġġib element innovattiv, b'potenzjal ekonomiku sinifikanti għas-suq Uniku; jew (ii) tikkontribwixxi għat-tnaqqis jew għall-prevenzjoni tad-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni. Huwa ċċarat ukoll li, fejn IPCEI approvat skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE ikun relatat ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma tat-teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2(1)(a), it-teknoloġiji rilevanti għandhom jitqiesu bħala kritiċi. L-Artikolu 2 jipprovdi wkoll gwida ulterjuri dwar it-tifsira ta' "katina tal-valur".

### Appoġġ finanzjarju (l-Artikolu 3)

Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-finanzjament addizzjonali tal-UE li jintuża biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' diversi strumenti, jiġifieri InvestEU, Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Fond għall-Innovazzjoni.

### LiIs-Siġill tas-Sovranità u l-finanzjament kumulattiv (l-Artikolu 4)

L-Artikolu 4 jidher "Siġill tas-Sovranità", li huwa tikketta ġdida maħsuba biex tgħin lill-promoturi tal-proġetti jattiraw investimenti pubbliċi u privati billi tiċċertifika l-kontribut tal-proġett għall-oġġettivi ta' STEP. il-Siġill tas-Sovranità jingħata taħt programmi ġestiti direttament, jiġifieri Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-programm Ewropa Diġitali, il-programm l-UE għas-Saħħa, u l-Fond Ewropew għad-Difiża. il-Siġill jibni fuq is-"Siġill ta' Eċċellenza" eżistenti, li huwa tikketta ta' kwalità għal proġetti eliġibbli li ma setgħux jiġu ffinanzjati minħabba nuqqas ta' baġit disponibbli. Għall-kuntrarju tas-Siġill ta' Eċċellenza, is-Siġill tas-Sovranità huwa definit biss b'referenza għall-oġġettivi segwiti mill-proġetti li għalihom ikun ingħata, u irrISPettivament minn jekk il-proġett setax jirċievi finanzjament mill-UE jew le sakemm ikun ġie evalwat b'suċċess taħt Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-programm Ewropa Diġitali, il-programm l-UE għas-Saħħa jew il-Fond Ewropew għad-Difiża. Dan huwa mod kif jiġi promoss li l-proġetti li jkunu ġew iffinanzjati parzjalment jistgħu jirċievu wkoll finanzjament kumulattiv jew ikkombinat ma' strument ieħor tal-Unjoni (l-Artikolu 4(1)(b)). Barra minn hekk, is-Siġill tas-Sovranità japplika wkoll għal każijiet fejn proġett ma setax jirċievi fondi tal-UE taħt programm partikolari, sabiex jiġi promoss li huwa jirċievi appoġġ taħt programm ieħor (l-Artikolu 4(1)(a)).

Din id-dispożizzjoni tindika wkoll li l-proġetti li jkunu ngħataw Siġill tas-Sovranità għandhom jingħataw prijorità mill-Istati Membri meta jipproponu l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom u meta jiddeċiedu dwar proġetti ta' investiment li għandhom jiġu ffinanzjati mis-sehem tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. Fir-rigward tal-Programm InvestEU (ara wkoll l-Artikolu 15), is-Siġill tas-Sovranità għandu jitqies mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI u tal-verifika tal-politika stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/523. Barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jintalbu jeżaminaw proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità f'każ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom. Fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni, huwa propost li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkunu jistgħu jagħtu appoġġ direttament mill-FEŻR jew mill-FSE+, soġġett għall-konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, lil operazzjonijiet li jingħataw is-Siġill tas-Sovranità (ara l-Artikolu 13).

Il-proġetti strateġiċi identifikati f'konformità mal-Atti dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u dwar il-Materja Prima Kritika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament kumulattiv fil-programmi rilevanti kollha.

#### Monitoraġġ u implimentazzjoni (l-Artikolu 5)

L-Artikolu 5 jiddefinixxi kif il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' STEP, ir-riżultati u l-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tiegħu.

#### Il-Portal tas-Sovranità (l-Artikolu 6)

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-obbligu għall-Kummissjoni li tistabbilixxi sit web ġdid disponibbli għall-pubbliku (il-Portal tas-Sovranità) li jipprovdi appoġġ lill-kumpaniji u lill-promoturi tal-proġetti li jfittxu fondi għal investimenti ta' STEP. Għal dak il-għan, il-Portal huwa meħtieġ juri b'mod partikolari l-informazzjoni li ġejja: sejħiet għal proposti attwali u futuri marbuta mal-oġġettivi ta' STEP (l-Artikolu 6(1)(a)) u kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali maħtura biex jaġixxu bħala l-punt ewlieni ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' STEP fil-livell nazzjonali (l-Artikolu 6(1)(d)). Barra minn hekk, il-Portal għandu jinforma dwar il-proġetti li ngħataw tikketta tas-Siġill tas-Sovranità, sabiex jagħtihom viżibbiltà għal investituri potenzjali (l-Artikolu 6(1)(b)), kif ukoll proġetti strateġiċi identifikati taħt l-NZIA u s-CRMA (l-Artikolu 6(1)(c)). Barra minn hekk, il-Pjattaforma għandha tippreżenta l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma (l-Artikolu 6(2)). L-Artikolu 6(4) jirrikjedi li l-Istati Membri jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda biex tagħixxi bħala l-punt ewlieni ta' kuntatt għal daww il-prijoritajiet, bl-oġġettiv li tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' STEP madwar l-Unjoni, U sabiex tiġi ffaċilitata t-taħlita tal-finanzjament disponibbli għall-proġetti tal-Pjattaforma, b'mod partikolari taħt programmi ta' ġestjoni diretta u programmi ta' ġestjoni kondiviża.

#### Rapport annwali u evalwazzjoni (l-Artikoli 7 u 8).

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-obbligu li l-Kummissjoni tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi ta' STEP.

L-Artikolu 8 jistabbilixxi r-regoli dwar l-evalwazzjoni tal-Pjattaforma. Il-Kummissjoni hija meħtieġa tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2025.

#### Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE (id-Direttiva dwar l-EU ETS) (l-Artikolu 9)

L-Artikolu 9 jemenda d-Direttiva dwar l-EU ETS biex jispeċifika l-ammont ta' fondi addizzjonali li għandhom jiġu implimentati permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni għal proġetti li għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji nodfa. Dan l-appoġġ addizzjonali jsir disponibbli biss għall-Istati Membri li l-PDG medju *per capita* tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1058, ir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni (l-Artikolu 10), ir-Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (l-Artikolu 11), u għar-Regolament (UE) 2021/1057, ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (l-Artikolu 12)

L-Artikolu 10 jemenda r-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) biex johlq objettivi speċifiċi għodda taħt l-Objettiv ta' Politika 1 (Ewropa aktar kompetittiva u intelliġenti billi jippromwovi t-trasformazzjoni ekonomika, intelliġenti u innovattiva u l-konnettività tal-ICT reġjonali) u l-Objettiv ta' Politika 2 (Ewropa ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fit-tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr ebda emissjoni tal-karbonju u reżiljenti billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju u mobbiltà urbana sostenibbli). Qiegħed isir possibbli wkoll li jiġu appoġġati investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs, f'reġjuni anqas żviluppati u f'reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju *per capita* tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.

L-Artikolu 11 jemenda r-Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) biex jindika li programm bħal dan jista' jappoġġa l-investimenti marbuta mal-objettivi ta' STEP.

Barra minn hekk, sabiex jgħin biex jiġu aċċellerati daww il-investimenti u tiġi pprovduta l-likwidità meħtieġa, se jkun disponibbli pefinanzjament eċċezzjonali ta' 30 % għas-sena 2024. Huwa stabbilit ukoll li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rata ta' finanzjament tal-UE miżjuda ta' sa 100 %. Dan huwa rifless għat-tliet Regolamenti ta' hawn fuq, bl-inklużjoni tal-istess dispożizzjonijiet skont l-Artikoli 10, 11, u 12.

L-Annessi I u II tar-regolament dwar il-FEŻR u l-FK huma emendati biex jinkludu l-indikaturi relatati mal-objettivi l-għodda ta' STEP.

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni applikabbli fost l-oħrajn għall-FEŻR, il-FK, il-JTF u l-FSE+ (l-Artikolu 13)

Dan ir-Regolament huwa emendat ukoll biex il-proġetti li jkunu ngħataw Siġill tas-Sovranità jkunu jistgħu jibbenefikaw minn aċċess aħjar għall-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-finanzjament kumulattiv jew ikkombinat minn diversi strumenti tal-Unjoni. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ta' ġestjoni se jkunu jistgħu jagħtu appoġġ direttament mill-FEŻR jew mill-FSE+, lil operazzjonijiet li jingħataw Siġill tas-Sovranità. Huwa stabbilit ukoll li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rata ta' finanzjament tal-UE miżjuda ta' sa 100 %.

L-Artikolu 49 tar-RDK huwa emendat biex jiżgura li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jidentifikaw is-sejħiet għal proposti pplanati relatati mal-objettivi ta' STEP u jissottomettuhom lill-Kummissjoni sabiex jiġu ppubblikati fuq il-Portal tas-Sovranità, kif ukoll tema sekondarja ddedikata għall-FSE +.

L-emenda għall-Anness I tar-RDK tinkorpora oqsma ta' intervent supplimentari li se jippermettu li tiġi segwita n-nefqa relatata mal-objettivi tal-Pjattaforma l-ġdida.

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (l-Artikolu 14) u għar-Regolament (UE) Nru 223/2014 (l-Artikolu 15)

Din l-emenda qed issir biex tipprovdi flessibbiltajiet addizzjonali għall-Istati Membri biex ikunu jistgħu jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2014-2020, il-FEMS u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FGħEB). Il-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020 diġà ġie adattat biex jipprovdi lill-Istati

Membri u lir-reġjuni bi flessibbiltà addizzjonali f'termini tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u b'aktar likwidità biex jiġu indirizzati l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra jew l-aggressjoni kontra l-Ukrajna<sup>35</sup>. Dawn il-miżuri, introdotti fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, jeħtieġu biżżejjed żmien u riżorsi amministrattivi biex jiġu sfruttati u implimentati bis-sħiħ. Dan huwa marbut mal-hteġa li l-Istati Membri jiffokaw ir-riżorsi amministrattivi fuq ir-reviżjoni tal-programmi operazzjonali lejn STEP.

Għalhekk, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' dik l-applikazzjoni għal pagament finali għandha tiġi estiża bi 12-il xahar. Barra minn hekk, l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-dokumenti tal-għeluq ukoll għandha tiġi estiża bi 12-il xahar sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-kontrolli u l-awditi meħtieġa li jippermettu għeluq ordnat tal-programmi taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-UE u r-rispett għal-limiti massimi tal-pagamenti, il-pagamenti li għandhom isiru fl-2025 għandhom jiġu limitati għal massimu ta' 1 % tal-appropriazzjonijiet finanzjarji minn riżorsi taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal kull programm. Għandu jiġi ċċarat li l-ammonti dovuti li jaqbu l-limitu massimu ta' 1 % tal-appropriazzjonijiet tal-programm għal kull fond għall-2025 mhux se jitħallsu fl-2025 u lanqas fis-snin sussegwenti iżda jintużaw biss għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament. L-ammonti mhux użati għandhom jiġu diżimpenjati f'konformità mar-regoli ġenerali għad-diżimpenn fl-għeluq.

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/523, li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (l-Artikolu 16)

Din id-dispożizzjoni toħloq qasam ta' politika ġdida (il-ħames tieqa) li għandu l-għan li jappoġġa investimenti ta' STEP taħt InvestEU, u takkomoda l-ammont addizzjonali ta' EUR [...] biljun propost fil-kuntest tar-rieżami tal-QFP billi jiġu emendati l-ammonti tal-garanzija tal-UE għall-finijiet ta' STEP. Saru wkoll emendi biex tiġi riflessa d-dimensjoni tas-Siġill tas-Sovranità fl-InvestEU, kif spjegat fl-Artikolu 4.

Tipproponi wkoll flessibbiltajiet u kjarifiki addizzjonali biex jiġu segwiti aħjar l-oġettivi ta' din l-inizjattiva. Fir-rigward tal-kombinazzjoni ta' portafolli, huwa speċifikat li meta l-appoġġ mill-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 7(1) jiġi kkombinat fi prodott finanzjarju f'pożizzjoni subordinata għall-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament u/jew il-garanzija tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/1017, it-telf, id-dħul u r-ripagamenti kif ukoll l-irkupri potenzjali jistgħu jiġu attribwiti wkoll fuq bażi mhux pro rata. Din l-emenda għandha l-għan li tiffaċilita s-sinerġiji bejn il-programmi InvestEU u programmi oħra tal-Unjoni billi żżid il-flessibbiltà dwar it-tfassil tal-operazzjonijiet ta' taħlit.

Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-kompartiment tal-Istati Membri, qed jiġi propost li l-perjodu ta' żmien disponibbli għall-konklużjoni ta' ftehim ta' garanzija jiżdied bi ftit minn disa' xhur għal tnax-il xahar mill-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni. Ir-regoli dwar is-sħubija tal-Kumitat tal-Investment ukoll qed jiġu emendati biex jiġi ċċarat li membru mhux permanenti jista' jiġi assenjat sa massimu ta' żewġ konfigurazzjonijiet biex japplika proċess ta' għażla li jagħmiha possibbli li jiġi kkostitwit il-Kumitat tal-Investment għall-ħames tieqa l-ġdida b'mod rapidu.

<sup>35</sup> Ir-riżorsi addizzjonali ta' REACT-EU li jirriżultaw min-NextGenerationEU żiedu l-finanzjament disponibbli fl-2021 u fl-2022 (mingħajr il-hteġa ta' kofinanzjament nazzjonali) biex ipprovdew lill-Istati Membri b'assistenza rapida għat-trawwim tat-tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi u l-irkupru reżiljenti. Miżuri oħra jinkludu l-pakkett tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE), u l-inizjattiva ta' Appoġġ għall-Enerġija Affordabbli (SAFE).

L-Anness III tar-Regolament dwar InvestEU huwa emendat biex jinkludi l-indikaturi relatati mat-tieqa l-ġdida dwar STEP.

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/695, li jistabbilixxi Orizzont Ewropa (l-Artikolu 17)

Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tipprovdi flessibbiltà u finanzjament addizzjonali għall-Aċċeleratur tal-EIC. L-Aċċeleratur taħt Orizzont Ewropa għandu jkun jista' jipprovdi appoġġ ta' ekwità biss lil SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, u lill-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, li jwettqu innovazzjoni fit-teknoloġiji appoġġati minn STEP. Barra minn hekk, il-fondi mhux użati impenjati għall-proġett pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 għandhom jiġu magħmula disponibbli għall-finijiet tal-Aċċeleratur tal-EIC taħt Orizzont Ewropa.

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/697, li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (l-Artikolu 18)

L-Artikolu 18 jemenda r-Regolament dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża biex jispeċifika l-ammont ta' fondi addizzjonali li għandhom jiġu implimentati permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża.

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/241, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (l-Artikolu 19)

Dan ir-Regolament huwa emendat biex iżid il-limitu massimu għall-ammont tal-kostijiet stmati tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza li l-Istati Membri jistgħu jużaw għall-kompartiment tal-Istat Membru ta' InvestEU. Minbarra l-limitu massimu applikabbli ta' 4 % tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jallokaw 6 % oħra biex jappoġġaw investimenti ta' STEP, jiġifieri sa total ta' 10 %. L-Artikolu 29 huwa emendat biex jiżgura li l-Istati Membri jidentifikaw u jissottomettu lill-Kummissjoni s-sejħiet għal proposti pjanati relatati mal-oġettivi tal-Pjattaforma sabiex jippubblikawhom fuq il-Portal tas-Sovranità.

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni (Artikolu 20)

Huwa propost li dan ir-Regolament, li huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”) u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 164, l-Artikolu 173, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 176, l-Artikolu 177, l-Artikolu 178, l-Artikolu 182(1) u l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>36</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>37</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-tisħiħ tal-kompetittività u tar-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea permezz tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kienu l-boxxla tal-UE għal dawn l-aħħar snin. It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ankrati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>38</sup> u fid-Deċennju Diġitali<sup>39</sup> jixprunaw it-tkabbir u l-modernizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE, jifih opportunitajiet ġodda ta’ negozju u jgħinu biex jinkiseb vantaġġ kompetittiv fis-swieq globali. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi l-pjan direzzjonali biex l-ekonomija tal-Unjoni ssir newtrali għall-klima u sostenibbli b’mod ġust u inklużiv, u jiġi indirizzati l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Programm ta’ Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali jistabbilixxi direzzjoni ċara għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u għat-twettiq ta’ miri diġitali fil-livell tal-Unjoni sal-2030, b’mod partikolari fir-rigward tal-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, u t-trasformazzjoni diġitali tan-negozji u tas-servizzi pubbliċi.
- (2) L-industrija tal-UE tat prova tar-reżiljenza inerenti tagħha iżda qed tiġi sfidata. L-inflazzjoni għolja, l-iskarsezzi f’termini ta’ ħaddiema, it-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista ta’ wara l-COVID, iż-żieda fir-rati tal-imgħax, u ż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija u fil-prezzijiet tal-input qed iħallu impatt fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE. Dan

<sup>36</sup> ĠU C [...], [...], p. [...]

<sup>37</sup> ĠU C [...], [...], p. [...]

<sup>38</sup> Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final. Ara wkoll ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Jannar 2020, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2020.

<sup>39</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta’ Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

huwa akkumpanjat minn kompetizzjoni qawwija, iżda mhux dejjem ġusta, f'suq globali frammentat. L-UE diġà pproponiet diversi inizjattivi biex tappoġġa l-industrija tagħha, bħall-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku,<sup>40</sup> l-Att dwar il-Materja Prima Kritika<sup>41</sup>, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti<sup>42</sup>, il-Qafas il-ġdid Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat<sup>43</sup>, u r-REPowerEU<sup>44</sup>. Filwaqt li dawn is-soluzzjonijiet jipprovdu appoġġ rapidu u mmirat, l-UE teħtieġ tweġiba aktar strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment tal-industriji tagħha, sabiex tħares il-koeżjoni u l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq Uniku u tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tal-UE.

- (3) L-adozzjoni u t-tkabbir fl-iskala fl-Unjoni ta' teknoloġiji profondi u diġitali, teknoloġiji nodfa, u bijoteknoloġiji se tkun essenzjali biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet u jintlaħqu l-oġettivi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u b'hekk tiġi promossa l-kompetittività tal-industrija Ewropea u s-sostenibbiltà tagħha. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni immedjata biex tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' tali teknoloġiji, is-salvagwardja u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur tagħhom biex b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u l-indirizzar tan-nuqqas eżistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet f'dawk is-setturi permezz ta' taħriġ u apprendistati u l-ħolqien ta' impjiegi attraenti u ta' kwalità aċċessibbli għal kulħadd.
- (4) Hemm bżonn li jiġu appoġġati t-teknoloġiji kritiċi fl-oqsma li ġejjin: teknoloġiji profondi u diġitali, teknoloġiji nodfa, u bijoteknoloġiji (inklużi l-ktajjen tal-valur rispettivi tal-materja prima kritika), b'mod partikolari proġetti, kumpaniji u setturi bi rwol kritiku għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE u l-ktajjen tal-valur tagħha. Bħala eżempju, it-teknoloġiji profondi u t-teknoloġiji diġitali jenħtieġ li jinkludu l-mikroelettronika, il-computing ta' prestazzjoni għolja, it-teknoloġiji kwantistiċi (jiġifieri, il-computing, it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u tar-rilevament), il-cloud computing, l-edge computing, u l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà, ir-robotika, il-5G u l-konnettività avvanzata u r-realtajiet virtwali, inklużi azzjonijiet relatati ma' teknoloġiji profondi u diġitali għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tad-difiża u tal-ajrupazju. It-teknoloġiji nodfa jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, l-enerġija rinnovabbli; il-ħżin tal-elettriku u tas-sħana; il-pompi tas-sħana; il-grilja tal-elettriku; il-fjuwils rinnovabbli ta' orġini mhux bijoloġika; il-fjuwils alternattivi sostenibbli; l-elettrolizzaturi u ċ-ċelloli tal-fjuwil; il-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju; l-effiċjenza enerġetika; l-idroġenu u l-infrastruttura relatata miegħu; is-soluzzjonijiet intelliġenti tal-enerġija; it-teknoloġiji essenzjali għas-sostenibbiltà bħall-purifikazzjoni u d-desalinizzazzjoni tal-ilma; il-materjali avvanzati bħan-nanomaterjali, il-komposti u l-materjali tal-kostruzzjoni nodfa futuri, u t-teknoloġiji għall-estrazzjoni u l-ipproċessar sostenibbli ta' materja prima kritika. Il-bijoteknoloġija jenħtieġ li titqies li tinkludi teknoloġiji bħall-bijomolekuli u l-applikazzjonijiet tagħhom, il-farmaċewtiċi u t-teknoloġiji mediċi vitali għas-sigurtà tas-saħħa, il-bijoteknoloġija tal-għelejjel, u l-bijoteknoloġija industrijali, bħal għar-rimi tal-iskart, u l-bijomanifattura. Il-Kummissjoni tista' toħroġ gwida biex tispeċifika aktar il-kamp ta' applikazzjoni tat-teknoloġiji f'dawn it-tliet oqsma meqjusa bħala kritiċi f'konformità ma' dan ir-

<sup>40</sup> Il-Komunikazzjoni dwar Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era b'Emissjonijiet Żero Netti, COM(2023) 62 final.

<sup>41</sup> COM(2023) 160 final

<sup>42</sup> COM(2023) 161 final

<sup>43</sup> Il-Komunikazzjoni dwar Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat (ĠU C 101, 17.3.2023, p. 3).

<sup>44</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/435 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

Regolament, sabiex tippromwovi interpretazzjoni komuni tal-proġetti, il-kumpaniji u s-setturi li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programmi rispettivi fid-dawl tal-oġettiv strateġiku komuni. Barra minn hekk, it-teknoloġiji fi kwalunkwe wieħed minn dawn it-tliet oqsma li huma s-suġġetti ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b) tat-TFUE jenħtieġ li jitqiesu bħala kritiċi, u proġetti individwali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' tali IPCEI jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament, f'konformità mar-regoli rispettivi tal-programm, sal-punt li d-diskrepanza identifikata fil-finanzjament u l-kostijiet eliġibbli jkunu għadhom ma ġewx koperti kompletament.

- (5) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji ewlenin fl-Unjoni mhux se jkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol imdaqqsa bil-ħiliet meħtieġa. Madankollu, l-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet żdiedu fis-setturi kollha inklużi dawk meqjusa bħala kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u jipperikolaw iż-żieda fit-teknoloġiji essenzzjali, anki fil-kuntest tat-tibdil demografiku. Għalhekk, huwa meħtieġ li tingħata spinta li jiżdiedu aktar persuni fis-suq tax-xogħol rilevanti għas-setturi strateġiċi, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' impjiegi u apprendistati għaż-żgħażagħ, għall-persuni żvantaġġati, b'mod partikolari, għaż-żgħażagħ barra mil-edukazzjoni, impjiegi jew taħriġ. Tali appoġġ se jikkomplementa għadd ta' azzjonijiet oħra mmirati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, deskritti fl-Aġenda għall-ħiliet tal-UE<sup>45</sup>.
- (6) L-iskala tal-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni teħtieġ mobilizzazzjoni sħiħa tal-finanzjament disponibbli taħt il-programmi u l-fondi eżistenti tal-UE, inklużi dawk li jagħtu garanzija baġitarja għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit. Tali finanzjament jenħtieġ li jintuża b'mod aktar flessibbli, biex jipprovdi appoġġ f'waqt u mmirat għat-teknoloġiji kritiċi f'setturi strateġiċi. Għalhekk, Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") jenħtieġ li tagħti tweġiba strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment tal-Unjoni billi tgħin biex il-fondi eżistenti tal-UE jiġu mmirati aħjar lejn investimenti kritiċi mmirati biex jappoġġaw l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi, filwaqt li jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku, u b'hekk tiġi ppreservata l-koeżjoni u jkun hemm fil-mira distribuzzjoni ġeografikament ibbilanċjata ta' proġetti ffinanzjati taħt STEP f'konformità mal-mandati rispettivi tal-programmi.
- (7) STEP jenħtieġ li tidentifika r-riżorsi li jenħtieġ li jiġu implimentati fi ħdan il-programmi u l-fondi eżistenti tal-Unjoni, InvestEU, Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Fond għall-Innovazzjoni. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat mill-ġotti ta' finanzjament addizzjonali ta' EUR 10 biljun. Minn dan, EUR 5 biljun jenħtieġ li jintużaw biex tiżdied id-dotazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni<sup>46</sup> u EUR 3 biljun biex jiżdied l-ammont totali tal-garanzija tal-UE disponibbli għall-kompartiment tal-UE skont ir-Regolament dwar InvestEU għal EUR 7,5 biljun,<sup>47</sup> filwaqt li titqies ir-rata ta' provviżjonament rilevanti. EUR 0,5 biljun jenħtieġ li jkunu disponibbli biex

<sup>45</sup> Il-Komunikazzjoni dwar Aġenda Ewropea għall-Ħiliet għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final.

<sup>46</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

<sup>47</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

jizzied il-pakkett finanzjarju skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa,<sup>48</sup> li jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq; u EUR 1,5 biljun għall-Fond Ewropew għad-Difiża<sup>49</sup>.

- (8) Jenħtieġ li jingħata Siġill tas-Sovranità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP, dment li l-proġett ikun ġie vvalutat u jikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, ipprovduti minn sejħa għal proposti taħt Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali,<sup>50</sup> il-programm l-UE għas-Saħħa<sup>51</sup>, il-Fond Ewropew għad-Difiża jew il-Fond għall-Innovazzjoni, u irrispettivament minn jekk il-proġett ikunx irċieva fondi taħt daww l-istrumenti. Dawn ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità se jiġu stabbiliti bil-għan li jiġu identifikati proġetti ta' kwalità għolja. Dan is-Siġill jenħtieġ li jintuża bħala tikketta ta' kwalità, biex jgħin lill-proġetti jattiraw investimenti pubbliċi u privati billi jiċċertifika l-kontribut tal-proġett għall-oġġettivi ta' STEP. Barra minn hekk, is-Siġill se jippromwovi aċċess aħjar għall-fondi tal-UE, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-finanzjament kumulattiv jew ikkombinat minn diversi strumenti tal-Unjoni.
- (9) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun possibbli li jittieħdu bħala bażi l-valutazzjonijiet magħmula għall-finijiet ta' programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 126 u 127 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046<sup>52</sup>, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni u jiġi mħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji ta' prijorità. Sakemm jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-RRF,<sup>53</sup> l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-inklużjoni ta' azzjonijiet mogħtija s-Siġill tas-Sovranità meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u meta jiddeċiedu dwar proġetti ta' investiment li għandhom jiġu ffinanzjati mis-sehem tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. Is-Siġill tas-Sovranità jenħtieġ li jitqies ukoll mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI u tal-verifika tal-politika stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament dwar InvestEU. Barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jeżaminaw proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità f'każ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26(5) ta' dak ir-Regolament. L-awtoritajiet inkarigati mill-programmi li jaqgħu taħt STEP jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll jikkunsidraw l-appoġġ għal proġetti strateġiċi identifikati f'konformità mal-Atti dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u dwar il-Materja Prima Kritika li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament u li għalihom jistgħu japplikaw regoli dwar il-finanzjament kumulattiv.
- (10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi sit web ġdid disponibbli għall-pubbliku (il-“Portal tas-Sovranità”) biex jipprovi informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli lill-kumpaniji u lill-promoturi tal-proġetti li jfittxu fondi għal investimenti ta' STEP. Għal dak il-għan, jenħtieġ li dan juri b'mod aċċessibbli u faċli għall-utent l-opportunitajiet ta' finanzjament għal investimenti ta' STEP disponibbli taħt il-baġit tal-UE. Dan

<sup>48</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/695 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

<sup>49</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/697 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

<sup>50</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/694 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

<sup>51</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/522 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-“Programm l-UE għas-Saħħa”) (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

<sup>52</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>53</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar programmi ġestiti direttament, bħal Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali, il-programm l-UE għas-Saħħa, u l-Fond għall-Innovazzjoni, kif ukoll programmi oħra bħal InvestEU, l-RRF, u l-fondi tal-politika ta' koezzjoni. Barra minn hekk, il-Portal tas-Sovranità jenħtieġ li jgħin biex tiżdied il-viżibbiltà għal investimenti ta' STEP fir-rigward tal-investituri, billi jelenka l-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità. Jenħtieġ li l-Portal jelenka wkoll l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli biex jaġixxu bħala punti ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' STEP fil-livell nazzjonali.

- (11) Filwaqt li STEP tibbaża fuq ir-riprogrammazzjoni u t-tisħiħ tal-programmi eżistenti għall-appoġġ għal investimenti strateġiċi, hija wkoll element importanti għall-ittestjar tal-fattibbiltà u t-tħejjija ta' interventi ġodda bħala pass lejn Fond Ewropew għas-Sovranità. L-evalwazzjoni fl-2025 se tivvaluta r-rilevanza tal-azzjonijiet meħuda u sservi bħala bażi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal żieda fl-appoġġ għal setturi strateġiċi.
- (12) Id-Direttiva 2003/87/KE<sup>54</sup> jenħtieġ li tiġi emendata biex tippermetti finanzjament addizzjonali b'pakkett finanzjarju għall-perjodu 2024-2027 ta' EUR 5 biljun. Il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa l-investimenti f'teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huwa kamp ta' applikazzjoni li għandu jiġi kopert minn STEP. Għalhekk, iż-żieda fil-volum tal-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li tippermetti li jiġi pprovdut finanzjament li jwieġeb għall-oġġettiv li jiġu appoġġati l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji nodfa kritiċi. F'konformità mal-oġġettivi li tiġi żgurata l-koezzjoni u li jiġi promoss is-Suq Uniku, u sabiex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa madwar l-Unjoni, il-pakkett finanzjarju addizzjonali jenħtieġ li jsir disponibbli permezz ta' sejħiet għal proposti miftuħa għal entitajiet minn Stati Membri li l-PDG medju *per capita* tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkulata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.
- (13) Sabiex jiġu estenzi l-possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investimenti mmirati lejn it-tisħiħ tal-iżvilupp industrijali u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur f'setturi strateġiċi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ mill-FEŻR jenħtieġ li jiġi estiż billi jiġu previsti oġġettivi speċifiċi ġodda taħt il-FEŻR, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa u tal-infiq fuq il-klima kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060<sup>55</sup> u fir-Regolament (UE) 2021/1058<sup>56</sup>. F'setturi strateġiċi, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu appoġġati investimenti produttivi f'intrapriżi oħra għajr l-SMEs, li jistgħu jaġhtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp ta' reġjuni anqas żviluppati u ta' reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri bi PDG *per capita* taħt il-medja tal-UE. L-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mħeġġa jippromwovu l-kollaborazzjoni bejn l-intrapriżi kbar u l-SMEs lokali, il-ktajjen tal-provvista, l-innovazzjoni u l-ekosistemi tat-teknoloġija. Dan jippermetti t-tisħiħ tal-kapaċità globali tal-Ewropa li ssaħħa il-pożizzjoni tagħha f'dawk is-setturi billi tipprovdi aċċess għall-Istati Membri kollha għal investimenti bħal dawn, u b'hekk jiġi miġġieled ir-riskju li jiżdiedu d-disparitajiet.

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

<sup>55</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

<sup>56</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1058 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koezzjoni (ĠU L 224, 24.6.2021, p. 31).

- (14) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-JTF, stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1056,<sup>57</sup> jenħtieġ li jiġi estiż ukoll biex ikopri l-investimenti f'teknoloġiji nodfa li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP minn intrapriżi kbar, dment li jkunu kompatibbli mal-kontribut mistenni għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika kif stabbilit fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. Jenħtieġ li l-appoġġ ipprovdut għal tali investimenti ma jirrikjedix reviżjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta fejn dik ir-reviżjoni tkun marbuta esklużivament mal-analiżi tal-lakuni li tiġġustifika l-investment mill-perspettiva tal-ħolqien tal-impjiegi.
- (15) Il-FSE+<sup>58</sup> peress li huwa l-Fond ewlieni tal-UE għall-investment fin-nies, jipprovdi kontribut ewlieni għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu ta' dak il-Fond għall-oġġettivi ta' STEP, jenħtieġ li jkun possibbli li l-FSE+ jintuża biex ikopri l-investimenti mmirati lejn il-kisba ta' forza tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja tax-xogħol futura.
- (16) Sabiex jgħin biex jiġu aċċellerati l-investimenti u tiġi pprovduta likwidità immedjata għall-investimenti li jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP taħt il-FEŻR, il-FSE+<sup>59</sup> u l-JTF, jenħtieġ li jiġi pprovdut ammont addizzjonali ta' prefinanzjament eċċezzjonali fil-forma ta' pagament ta' darba fir-rigward tal-prijoritajiet iddedikati għal investimenti li jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP. Il-prefinanzjament addizzjonali jenħtieġ li japplika għall-allokazzjoni kollha tal-JTF minħabba l-ħtieġa li titħaffef l-implimentazzjoni tiegħu u r-rabtiet b'saħħithom tal-JTF biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-ilħuq tal-oġġettivi ta' STEP. Ir-regoli li japplikaw għal dawk l-ammonti ta' prefinanzjament eċċezzjonali jenħtieġ li jkunu konsistenti mar-regoli applikabbli għall-prefinanzjament stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060. Barra minn hekk, biex tiġi inċentivata aktar l-adozzjoni ta' investimenti bħal dawn u tiġi żgurata l-implimentazzjoni aktar rapida tagħhom, jenħtieġ li tkun disponibbli l-possibbiltà ta' rata ta' finanzjament miżjuda tal-UE ta' 100 % għall-prijoritajiet ta' STEP. Fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi l-ġodda ta' STEP, l-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mħeġġa japplikaw ċerti kriterji soċjali jew jippromwovu eżiti pożittivi soċjali, bħall-ħolqien ta' apprendistati u impjiegi għaż-żgħażagħ żvantaġġati, b'mod partikolari ż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti soċjali fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku meta proġett jiġi implimentat minn korp soġġett għall-akkwist pubbliku, u l-ħlas tal-paġi applikabbli kif miftiehem permezz ta' negozjar kollettiv.
- (17) Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni<sup>60</sup> jenħtieġ li jiġi emendat biex il-proġetti li jkunu ngħataw Siġill tas-Sovranità jkunu jistgħu jibbenefikaw minn aċċess aħjar għall-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-finanzjament kumulattiv jew ikkombinat minn diversi strumenti tal-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet ta' ġestjoni li jagħtu appoġġ direttament mill-FEŻR jew mill-FSE+, lil operazzjonijiet li jingħataw Siġill tas-Sovranità.
- (18) Il-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020 ġie adattat fl-aħħar snin biex jipprovdi lill-Istati Membri u lir-reġjuni bi flessibbiltà addizzjonali f'termini tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u b'aktar likwidità biex jiġu indirizzati l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra jew l-aggressjoni

<sup>57</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1056 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

<sup>58</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) (ĠU L 231 30.6.2021, p. 21).

<sup>59</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

<sup>60</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

kontra l-Ukrajna. Dawn il-miżuri, introdotti fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, jeħtieġu biżżejjed żmien u riżorsi amministrattivi biex jiġu sfruttati u implimentati bis-sħiħ; dan fi żmien ukoll fejn l-Istati Membri se jiffokaw ir-riżorsi fuq ir-reviżjoni tal-programmi operazzjonali tal-2021-2027 marbuta mal-oġġettivi ta' STEP. Bil-għan li jittaffa l-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tal-programm u li jiġi evitat it-telf possibbli ta' fondi fl-għeluq għal raġunijiet purament amministrattivi, l-iskadenzi għall-għeluq amministrattiv tal-programmi skont il-perjodu 2014-2020 jenħtieġ li jiġu estenzi fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013<sup>61</sup> u fir-Regolament (UE) Nru 223/2014<sup>62</sup>. B'mod aktar speċifiku, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' dik l-applikazzjoni għal pagament finali jenħtieġ li tiġi estiża bi 12-il xahar. Barra minn hekk, l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-dokumenti tal-għeluq jenħtieġ li tiġi estiża wkoll bi 12-il xahar. Fil-kuntest ta' din l-emenda, huwa xieraq li jiġi ċċarat li d-distribuzzjoni tal-ikel u tal-materjal mixtrija sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà (tmiem l-2023) tista' tkompli wara dik id-data. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-UE u r-rispett għall-limiti massimi tal-pagamenti, il-pagamenti li għandhom isiru fl-2025 jenħtieġ li jiġu limitati għal massimu ta' 1 % tal-appropriazzjonijiet finanzjarji minn riżorsi taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal kull programm. L-ammonti dovuti li jaqbu l-limitu massimu ta' 1 % tal-appropriazzjonijiet tal-programm għal kull fond għall-2025 mhux se jitħallsu fl-2025 u lanqas fis-snin sussegwenti iżda jintużaw biss għall-approvazzjoni tal-prefinanzjament. L-ammonti mhux użati għandhom jiġu diżimpenjati f'konformità mar-regoli ġenerali għad-diżimpenj fl-għeluq.

- (19) InvestEU huwa l-programm emblematicu tal-UE biex tingħata spinta lill-investiment, speċjalment it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, billi jiġi pprovdut finanzjament xprunat mid-domanda, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit, u assistenza teknika. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jinġabar kapital pubbliku u privat addizzjonali. Minħabba d-domanda għolja tas-suq tal-garanzija tal-InvestEU, il-kompartiment tal-UE tal-InvestEU jenħtieġ li jissaħħaħ biex jikkorrispondi mal-oġġettivi ta' STEP. Dan, fost affarijiet oħra, se jsaħħaħ il-possibbiltà eżistenti ta' InvestEU li tinvesti fi proġetti li jiffurmaw parti minn IPCEI, fi ħdan is-setturi tat-teknoloġija kritika identifikati. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istat Membru tal-InvestEU biex jappoġġaw prodotti finanzjarji f'konformità mal-oġġettivi ta' STEP, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jinkludu bħala miżura fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU biex jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP. Dik il-kontribuzzjoni addizzjonali biex jiġi appoġġati l-oġġettivi ta' STEP tista' tilħaq sa 6 % tal-allokkazzjoni finanzjarja totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom għall-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll flessibbiltà u kjarifiki addizzjonali biex jiġu segwiti aħjar l-oġġettivi ta' STEP.
- (20) Orizzont Ewropa huwa l-programm ta' finanzjament prinċipali tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) tiegħu jipprevedi appoġġ għall-innovazzjonijiet ta' natura potenzjalment rivoluzzjonarja u ta' tfixkil b'potenzjal ta' espansjoni li jistgħu jkunu riskjużi wisq għall-investituri privati. Jenħtieġ li tiġi prevista flessibbiltà addizzjonali taħt Orizzont Ewropa, sabiex l-Aċċeleratur tal-EIC

<sup>61</sup> Ir-Regolament (UE) 1303/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

<sup>62</sup> Ir-Regolament (UE) 223/2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

ikun jista' jipprovd i appoġġ ta' ekwità biss lil SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, u SMEs u kumpaniji żġħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, li jwettqu innovazzjoni fit-teknoloġiji appoġġati minn STEP u irrispettivament minn jekk qabel kinux irċewew tipi oħra ta' appoġġ mill-Aċċeleratur tal-EIC. L-implimentazzjoni tal-Fond tal-EIC bħalissa hija limitata għal ammont massimu ta' investiment ta' EUR 15-il miljun ħlief f'każijiet eċċezzjonali u ma tistax takkomoda ċikli ta' finanzjament ta' segwitu jew ammonti akbar ta' investiment. Il-permess għal appoġġ ta' ekwità biss għal SMEs u l-kumpaniji żġħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli jindirizza d-distakk eżistenti fis-suq mal-ħtiġijiet ta' investiment fil-medda ta' EUR 15 sa 50 miljun. Barra minn hekk, l-esperjenza wriet li l-ammonti impenjati għall-proġett pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 ma jintużawx bis-sħiħ. Dawn il-fondi mhux użati jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-finijiet tal-Aċċeleratur tal-EIC taħt Orizzont Ewropa. Ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jirrifletti ż-żieda fil-pakkett għall-Fond Ewropew għad-Difiża.

- (21) Il-Fond Ewropew għad-Difiża huwa l-programm ewlieni għat-titjib tal-kompetittività, l-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-awtonomija teknoloġika tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża huwa kruċjali, għax jirfed il-kapaċità u l-awtonomija tal-industrija Ewropea biex tiżviluppa prodotti tad-difiża u l-indipendenza tal-Istati Membri bħala utenti finali ta' tali prodotti. Għalhekk, jenħtieġ li l-pakkett addizzjonali jkun disponibbli biex jappoġġa azzjonijiet fil-qasam tat-teknoloġiji profondi u diġitali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-applikazzjonijiet għad-difiża.
- (22) Peress li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tas-sovranià Ewropea, l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u dtali tal-Unjoni u t-titjib tal-kompetittività tagħha, u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi tagħha, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak li huwa neċessarju biex daww l-oġettivi jintlaħqu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU 1

### STEP

#### Artikolu 1

#### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP" jew il-"Pjattaforma") biex jiġu appoġġati teknoloġiji strateġiċi kritiċi u emerġenti.

Dan jistabbilixxi l-oġettivi tal-Pjattaforma, l-ammont ta' appoġġ finanzjarju disponibbli taħt il-Pjattaforma, u r-regoli għall-implimentazzjoni tas-Siġill tas-Sovranità u tal-Portal tas-Sovranità u għar-rapportar dwar l-oġettivi tal-Pjattaforma.

#### Artikolu 2

#### L-oġettivi ta' STEP

1. Biex jissaħħu s-sovranià u s-sigurtà tal-Ewropa, jiġu aċċellerati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni u tissaħħaħ il-kompetittività tagħha, jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħha, jiġu promossi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku għall-investimenti madwar l-Unjoni, u jiġi promoss l-aċċess inklużiv għal impjiegi attraenti u ta' kwalità, il-Pjattaforma għandha ssegwi l-oġettivi li ġejjin:
  - (a) tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura madwar l-Unjoni ta' teknoloġiji kritiċi, jew tħares u ssaħħaħ il-ktajjen tal-valur rispettivi, fl-oqsma li ġejjin:
    - (i) teknoloġiji profondi u diġitali
    - (ii) teknoloġiji nodfa
    - (iii) bijoteknoloġiji
  - (b) l-indirizzar tal-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi ta' kwalità b'appoġġ għall-oġettiv taħt il-punt (a).
2. It-teknoloġiji msemija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu għandhom jitqiesu bħala kritiċi meta jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) iġibu element innovattiv u mill-aktar avvanzat b'potenzjal ekonomiku sinifikanti għas-Suq Uniku;
  - (b) jikkontribwixxu għat-tnaqqis jew għall-prevenzjoni tad-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni.
3. Meta Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b) tat-TFUE jkun relatat ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma tat-teknoloġija msemija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, it-teknoloġiji rilevanti għandhom jitqiesu bħala kritiċi.
4. Il-katina tal-valur għall-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi msemija fl-ewwel paragrafu hija relatata mal-prodotti finali, kif ukoll mal-komponenti ewlenin, mal-makkinarju speċifiku u mal-materja prima kritika użata primarjament għall-produzzjoni ta' dawk il-prodotti.

### *Artikolu 3*

#### **Appoġġ Finanzjarju**

1. L-implimentazzjoni tal-Pjattaforma għandha tiġi appoġġata, b'mod partikolari, permezz ta':
  - (a) garanzija tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/523 bl-ammont indikattiv ta' EUR 7 500 000 000. Dik il-garanzija għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/523;
  - (b) ammont ta' EUR 500 000 000 fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 12(2)(c) tar-Regolament (UE) 2021/695. Dak l-ammont għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/695;
  - (c) ammont ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju msemmi fis-sitt subparagrafu tal-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE. Dak l-ammont għandu jiġi implimentat fi ħdan il-Fond għall-Innovazzjoni f'konformità mar-regoli tal-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni [2019/856].

- (d) ammont ta' EUR 1 500 000 000 fi prezzijiet attwali tal-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/697. Dak l-ammont għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/697.
2. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintużaw bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 2.

#### *Artikolu 4*

#### **Is-Siġill tas-Sovranità u l-finanzjament kumulattiv**

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti Siġill tas-Sovranità lil kwalunkwe azzjoni li tikkontribwixxi għal kwalunkwe oġettiv tal-Pjattaforma, sakemm l-azzjoni tkun ġiet ivvalutata u tikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, ipprovduti minn sejħa għal proposti skont ir-Regolament (UE) 2021/695, ir-Regolament (UE) 2021/694, Ir-Regolament (UE) 2021/697, ir-Regolament (UE) 2021/522, jew ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856.
2. Is-Siġill tas-Sovranità jista' jintuża bħala tikketta ta' kwalità, b'mod partikolari għall-finijiet ta':
  - (a) ir-riċeviment ta' appoġġ għall-azzjoni taħt fond jew programm ieħor tal-Unjoni f'konformità mar-regoli applikabbli għal dak il-fond jew programm, jew
  - (b) il-finanzjament tal-azzjoni permezz ta' finanzjament kumulattiv jew ikkombinat ma' strument ieħor tal-Unjoni f'konformità mar-regoli tal-atti bażiċi applikabbli.
3. Meta jirrevedu l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, iqisu bħala prijorità azzjoni li tkun ingħatat Siġill tas-Sovranità f'konformità mal-paragrafu 1.
4. Meta jiddeċiedu dwar x'proġetti ta' investiment għandhom jiffinanzjaw mill-ishma rispettivi tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bħala prijorità proġett għal teknoloġiji nodfa kritiċi li jkun ingħata is-Siġill tas-Sovranità f'konformità mal-paragrafu 1. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu appoġġ nazzjonali lil proġetti b'Siġill tas-Sovranità li jikkontribwixxu għall-oġettiv tal-Pjattaforma msemmi fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 2(1).
5. Skont ir-Regolament (UE) 2021/523, is-Siġill tas-Sovranità għandu jitqies fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-verifika tal-politiki kif stabbilit fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jeżaminaw proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità f'każ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 26(5) ta' dak ir-Regolament.
6. Proġetti strateġiċi identifikati f'konformità mal-[Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Netti Żero] u l-[Att dwar il-Materja Prima Kritika] fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 li jirċievu kontribuzzjoni taħt il-programmi msemmija fl-Artikolu 3 jistgħu jirċievu wkoll kontribuzzjoni minn kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni, inklużi Fondi taħt ġestjoni kondiżi, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-proġett strateġiku. Il-finanzjament

kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet totali eliġibbli tal-proġett strateġiku. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

7. L-għoti ta' Siġill tas-Sovranità u l-għoti ta' finanzjament kumulattiv huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat u għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

#### *Artikolu 5*

#### **Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma u tkejjel l-ilħiq tal-oġġettivi tal-Pjattaforma stabbiliti fl-Artikolu 2. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqin fl-ambitu tal-Pjattaforma.
2. Is-sistema ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-Pjattaforma u r-risultati ta' dawk l-attivitajiet jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u rapidu.
3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar in-nefqa ffinanzjata mill-Pjattaforma. Hija għandha, kif xieraq, tirrapporta dwar il-kisbiet relatati ma' kull wieħed mill-oġġettivi speċifiċi tal-Pjattaforma.

#### *Artikolu 6*

#### **Il-Portal tas-Sovranità**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sit web iddedikat disponibbli għall-pubbliku (il-“Portal tas-Sovranità”), li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar l-oportunitajiet ta' finanzjament għal proġetti marbuta mal-oġġettivi tal-Pjattaforma u jaġhti viżibbiltà lil dawk il-proġetti, b'mod partikolari billi juri l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti attwali u futuri marbuta mal-oġġettivi tal-Pjattaforma fl-ambitu tal-programmi u l-fondi rispettivi;
  - (b) proġetti li ngħataw tikketta tal-kwalità tas-Siġill tas-Sovranità f'konformità mal-Artikolu 4;
  - (c) proġetti li ġew identifikati bħala proġetti strateġiċi skont l-[Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] u l-[Att dwar il-Materja Prima Kritika], sal-punt li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2;
  - (d) kuntatti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura f'konformità mal-paragrafu 4;
2. Il-Portal tas-Sovranità għandu juri wkoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma u fir-rigward tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 5, kif ukoll l-indikaturi tal-prestazzjoni definiti taħt il-programmi rispettivi.
3. Il-Portal tas-Sovranità għandu jiġi varat fi [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u għandu jiġi aġġornat mill-Kummissjoni regolarment.
4. Sa [3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda biex taġixxi bħala l-punt ewlieni ta' kuntatt għall-implimentazzjoni tal-Pjattaforma fil-livell nazzjonali.

## *Artikolu 7*

### **Rapport annwali**

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma.
2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni konsolidata dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Pjattaforma taħt kull wieħed mill-programmi u l-fondi.
3. Ir-rapport annwali għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) in-nefqa globali ta' STEP iffinanzjata taħt il-programmi rispettivi;
  - (b) il-prestazzjoni ta' STEP abbażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni ddefiniti taħt il-programmi rispettivi.

## *Artikolu 8*

### **Evalwazzjoni tal-Pjattaforma**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma.
2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu, b'mod partikolari, jivvaluta sa fejn intlaħqu l-oġettivi, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew. Huwa għandu jindirizza wkoll ir-rilevanza kontinwa tal-oġettivi u l-azzjonijiet kollha, fid-dawl tal-espansjoni potenzjali tagħhom.
3. Jekk ikun xieraq, l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposta għall-emendi ta' dan ir-Regolament.

## **KAPITOLU 2**

### **EMENDI**

## *Artikolu 9*

### **Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE [ETS]**

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 10a(8), jiddaħħal is-sitt subparagrafu li ġej:

“Minbarra l-kwoti msemmija fl-ewwel sal-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jimplementa wkoll pakkett finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027 ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali bħala appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġettiv ta' STEP imsemmi fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 2 tar-Regolament .../...<sup>63</sup>. [ir-Regolament dwar STEP]. Dan il-pakkett finanzjarju għandu jkun disponibbli biex jappoġġa investimenti biss fl-Istati Membri li l-PDG medju *per capita* tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017”

<sup>63</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

**Emendi fhar-Regolament (UE) 2021/1058 [FEŻR u FK]**

Ir-Regolament (UE) 2021/1058 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3(1), fil-punt (a), jiżdied il-punt li ġej:

“(vi) l-appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta’ STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../...<sup>64</sup>. [ir-Regolament dwar STEP]”
- (2) Fl-Artikolu 3(1), fil-punt (b), jiżdied il-punt li ġej:

“(ix) l-appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta’ STEP imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(ii) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]”
- (3) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

Ir-riżorsi taħt l-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (b)(ix) għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-oġġettivi ta’ politika rispettivi.

Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni tal-FEŻR lil dik il-prijorità kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta’ darba minbarra l-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059. Il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas sal-31 ta’ Diċembru 2024, sakemm il-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm sal-31 ta’ Ottubru 2024.

F’konformità mal-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u mal-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) 2021/1059, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi kklerjat sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

F’konformità mal-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi użat għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FEŻR u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

F’konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament eċċezzjonali ma għandux jiġi sospiż.

F’konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu jinkludi l-prefinanzjament eċċezzjonali mħallas.

B’deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati massimi ta’ kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-oġġettivi ta’ STEP għandhom jiżdiedu għal 100 %.”
- (4) Fl-Artikolu 5(2), jiddaħħal il-punt (e) li ġej:

“(e) meta jikkontribwixxu għall-oġġettivi speċifiku skont il-PO 1 stabbilit fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vi) jew għall-oġġettivi speċifiku skont il-PO 2 stabbilit fil-punt (b)(ix) ta’ dak is-subparagrafu, f’reġjuni anqas żviluppati u f’reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju *per*

<sup>64</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

*capita* tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.

Il-punt (e) għandu japplika għall-programmi ta' Interreg fejn il-kopertura ġeografika tal-programm fl-Unjoni tikkonsisti esklużivament minn kategoriji ta' reġjuni stabbiliti f'dak il-punt."

- (5) Fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu 3a ġdid li ġej:

"3a. Sabiex jikkontribwixxi għall-oġġettiv speċifiku skont il-PO 1 stabbilit fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vi) u skont il-PO 2 stabbilit fil-punt (b)(ix) ta' dak is-subparagrafu, il-FEŻR għandu jappoġġa wkoll it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u l-attivitajiet edukattivi".

- (6) Fl-Anness I, Tabella I, tizzied ir-ringiela li ġejja taħt l-oġġettiv ta' politika 1:

|  |                                                                                                                                                     |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |                                                                   |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------|
|  | (vi) appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] | Kwalunkwe RCO elenkat għall-oġġettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv)<br><br>RCO125 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji profondi u diġitali<br><br>RCO126 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji nodfa<br><br>RCO127 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fil-bijoteknoloġiji<br><br>[Dawn l-indikaturi għandhom jiġu rrapportati bħala subsettijiet ta' RC001-RCO04] | Kwalunkwe RCR elenkat għall-oġġettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv) |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------|

- (7) Fl-Anness I, Tabella I, tizzied ir-ringiela li ġejja taħt l-oġġettiv ta' politika 2:

|  |                                                                                                                                                     |                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |                                                                                                  |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  | (ix) appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] | Kwalunkwe RCO elenkat għall-oġġettivi speċifiċi (i), (iii), (iv) u (vi) taħt l-oġġettiv ta' politika 1<br><br>RCO125 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta ma' investimenti produttivi fit-teknoloġiji profondi u diġitali<br><br>RCO126 Ditti: L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta | Kwalunkwe RCR elenkat għall-oġġettivi speċifiċi (i), (iii) u (iv) taħt l-oġġettiv ta' politika 1 |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------|

|  |  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                |  |
|--|--|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--|
|  |  | ma' investimenti<br>produttivi fit-teknoloġiji<br>nodfa<br><br>RCO127 Ditti: L-<br>intrapriżi appoġġati<br>primarjament marbuta<br>ma' investimenti<br>produttivi fil-<br>bijoteknoloġiji<br><br>[Dawn l-indikaturi<br>għandhom jiġu<br>rrapportati bħala<br>subsettijiet ta' RC001-<br>RCO04] |  |
|--|--|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--|

(8) Fit-Tabella tal-Anness II, tiżdied ir-ringiela li ġejja taħt l-oġġettiv ta' politika 1:

|  |                                                                                                                                                                          |                                                                                                              |                                                                                                              |
|--|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  | (vi) appoġġ għall-<br>investimenti li<br>jikkontribwixxu għall-<br>oġġettivi ta' STEP<br>imsemmija fl-Artikolu 2<br>tar-Regolament .../... [ir-<br>Regolament dwar STEP] | Kwalunkwe CCO<br>elenkat għall-oġġettivi<br>speċifiċi (i), (iii) u (iv)<br>taħt l-oġġettiv ta' politika<br>1 | Kwalunkwe CCR<br>elenkat għall-oġġettivi<br>speċifiċi (i), (iii) u (iv)<br>taħt l-oġġettiv ta' politika<br>1 |
|--|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(9) Fit-Tabella tal-Anness II, tiżdied ir-ringiela li ġejja taħt l-oġġettiv ta' politika 2:

|  |                                                                                                                                                                          |                                                                                                              |                                                                                                              |
|--|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  | (ix) appoġġ għall-<br>investimenti li<br>jikkontribwixxu għall-<br>oġġettivi ta' STEP<br>imsemmija fl-Artikolu 2<br>tar-Regolament .../... [ir-<br>Regolament dwar STEP] | Kwalunkwe CCO<br>elenkat għall-oġġettivi<br>speċifiċi (i), (iii) u (iv)<br>taħt l-oġġettiv ta' politika<br>1 | Kwalunkwe CCR<br>elenkat għall-oġġettivi<br>speċifiċi (i), (iii) u (iv)<br>taħt l-oġġettiv ta' politika<br>1 |
|--|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

### *Artikolu 11*

#### **Emendi fir-Regolament (UE) 2021/1056 [JTF]**

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-oġġettiv speċifiku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-JTF jista' jappoġġa wkoll investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettiv ta' STEP imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(ii) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP].”

(2) Fl-Artikolu 8(2) jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

“Il-JTF jista' jappoġġa wkoll investimenti produttivi f'intrapriżi oħra għajr l-SMEs li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament

.../...<sup>65</sup> [ir-Regolament dwar STEP]. Dak l-appoġġ jista' jiġi pprovdut irrispettivament minn jekk l-analiżi tad-diskrepanza tkunx twettqet f'konformità mal-Artikolu 11(2)(h) u irrispettivament mill-eżitu tagħha. Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definita fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-għoti ta' tali appoġġ ma għandux jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta fejn dik ir-reviżjoni tkun marbuta esklużivament mal-analiżi tal-lakuni.”

(3) Fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni tal-JTF, inklużi l-ammonti ttrasferiti f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/1060, lil programm kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba minbarra l-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas minn [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

F'konformità mal-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi kklerjat sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

F'konformità mal-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FEŻR u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

F'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament eċċezzjonali ma għandux jiġi sospiż.

F'konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu jinkludi l-prefinanzjament eċċezzjonali mħallas.

B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati massimi ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP għandhom jiżdiedu għal 100 %.”

## *Artikolu 12*

### **Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1057 [FSE+]**

Ir-Regolament (UE) 2021/1057 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħal Artikolu 12a ġdid:

#### *“Artikolu 12a*

Minbarra l-prefinanzjament għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, fejn il-Kummissjoni tapprova emenda ta' programm li tinkludi prijorità waħda jew aktar iddedikati għall-operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+ li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-

<sup>65</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

Regolament .../...<sup>66</sup> [ir-Regolament dwar STEP], għandha tagħmel prefinanzjament eċċezzjonali ta' 30 % abbażi tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet. Il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas sal-31 ta' Diċembru 2024, sakemm il-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm sal-31 ta' Ottubru 2024.

F'konformità mal-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali għandu jiġi kklerjat sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

F'konformità mal-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FSE+ u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

F'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament eċċezzjonali ma għandux jiġi sospiż.

F'konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu jinkludi l-prefinanzjament eċċezzjonali mħallas.

B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rati massimi ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP għandhom jiżdiedu għal 100 %."

### *Artikolu 13*

#### **Emendi fir-Regolament (UE) 2021/1060 [CPR]**

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, il-punt (45) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(45) ‘Siġill ta’ Eċċellenza’ tfisser it-tikketta ta’ kwalità mogħtija mill-Kummissjoni fir-rigward ta’ proposta, li turi li l-proposta li għet ivvalutata f’sejħa għal proposti taħt strument tal-Unjoni titqies konformi mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità ta’ dak l-istrument tal-Unjoni, iżda ma setgħetx tiġi ffinanzjata minħabba nuqqas ta’ baġit disponibbli għal dik is-sejħa għal proposti, u tista’ tirċievi appoġġ minn sorsi oħrajn ta’ finanzjament tal-Unjoni jew nazzjonali; **jew is-“Siġill tas-Sovranità” msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament .../...<sup>67</sup>.**
- (2) Fl-Artikolu 14(5), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“F’konformità tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament dwar InvestEU, fejn ftehim ta’ garanzija ma jkunx ġie konkluż fi żmien **12-il xahar** mill-konklużjoni tal-ftehim ta’ kontribuzzjoni, il-ftehim ta’ kontribuzzjoni għandu jiġi terminat jew jittawwal bi ftehim reċiproku.”
- (3) Fl-Artikolu 49, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

<sup>66</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

<sup>67</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

“Fejn ikun ipprogrammat appoġġ għall-oġġettivi ta’ STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], l-awtorità ta’ ġestjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha li għandha tiġi ppubblikata f’konformità mal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu tiġi ppreżentata wkoll lill-Kummissjoni fil-format stabbilit fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għall-pubblikazzjoni fuq il-Portal tas-Sovranità stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], inkluża skeda ta’ żmien tas-sejthiet ippjanati għal proposti li tiġi aġġornata mill-inqas tliet darbiet fis-sena, kif ukoll il-link għas-sejthiet għal proposti fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħhom.”

(4) Fl-Anness I, it-Tabella 1, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

| QASAM TA’ INTERVENT |                                                                                                                | Koeffiċjent għall-kalkolu ta’ appoġġ għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta’ appoġġ għall-oġġettivi ambjentali |
|---------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------|
| 145a                | Appoġġ għall-iżvilupp ta’ ħiliet jew aċċess għall-impjiegi f’teknoloġiji profondi u diġitali, bijoteknoloġiji. | 0 %                                                                       | 0 %                                                             |
| 145b                | Appoġġ għall-iżvilupp ta’ ħiliet jew aċċess għall-impjiegi f’teknoloġiji nodfa.                                | 100 %                                                                     | 40 %                                                            |
| 188                 | Investimenti produttivi f’intrapriżi kbar marbuta primarjament ma’ teknoloġiji nodfa.                          | 100 %                                                                     | 40 %                                                            |
| 189                 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament ma’ teknoloġiji nodfa.                                    | 100 %                                                                     | 40 %                                                            |
| 190                 | Investimenti produttivi f’intrapriżi kbar marbuta primarjament mal-bijoteknoloġiji.                            | 0 %                                                                       | 0 %                                                             |
| 191                 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament mal-bijoteknoloġiji.                                      | 0 %                                                                       | 0 %                                                             |
| 192                 | Investimenti produttivi f’intrapriżi kbar marbuta primarjament ma’ teknoloġiji profondi u diġitali.            | 0 %                                                                       | 0 %                                                             |
| 193                 | Investimenti produttivi fl-SMEs marbuta primarjament ma’ teknoloġiji profondi u diġitali.                      | 0 %                                                                       | 0 %                                                             |

(5) Fl-Anness I, it-Tabella 6, tidħol ir-ringiela li ġejja:

|    |                                                                                                               |     |     |
|----|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|-----|
| 11 | Il-kontribut għall-ħiliet u l-impjiegi f' teknoloġiji profondi u diġitali, teknoloġiji nodfa, bijoteknoloġiji | 0 % | 0 % |
|----|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|-----|

#### Artikolu 14

#### Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1303/2013 [RDK]

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 135, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. B’deroga mill-paragrafu 2, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena ta’ kontabilità finali għandha tkun il-31 ta’ Lulju 2025. L-aħħar applikazzjoni għal pagament *interim* sottomessa sal-31 ta’ Lulju 2025 għandha titqies bħala l-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena ta’ kontabilità finali.

L-ammonti minn riżorsi oħra għajr REACT-EU rimborżati mill-Kummissjoni bħala pagamenti *interim* fl-2025 ma għandhomx jaqbu l-1 % tal-appropriazzjonijiet finanzjarji totali għall-programm ikkonċernat mill-Fond, ir-riżorsi ta’ REACT-EU esklużi. L-ammonti li jridu jitħallsu mill-Kummissjoni fl-2025 li jaqbu dan il-perċentwal ma għandhomx jitħallsu u għandhom jintużaw esklużivament għall-ikklerjar tal-prefinanzjament fl-għeluq.”

- (2) Fl-Artikolu 138, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu d-dokumenti msemmija taħt il-punti (a), (b) u (c) għas-sena ta’ kontabilità finali sal-15 ta’ Frar 2026.”

#### Artikolu 15

#### Emenda għar-Regolament (UE) Nru 223/2014 [FGħEb]

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. L-Istat Membru għandu jippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm operattiv flimkien mad-dokumenti tal-għeluq kif stabbilit fl-Artikolu 52, sal-15 ta’ Frar 2026.”

- (2) Fl-Artikolu 22, jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Fil-każ ta’ kostijiet rimborżati skont il-punti (b), (c), (d) u (e) tal-Artikolu 26(2), l-azzjonijiet korrispondenti li jiġu rimborżati għandhom jitwettqu permezz tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena ta’ kontabilità finali f’konformità mal-Artikolu 45(6).”

- (3) Fl-Artikolu 45, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. B’deroga mill-paragrafu 2, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena ta’ kontabilità finali għandha tkun il-31 ta’ Lulju 2025. L-aħħar applikazzjoni għal pagament *interim* sottomessa sal-31 ta’ Lulju 2025 għandha titqies bħala l-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena ta’ kontabilità finali.

L-ammonti rimborżati mill-Kummissjoni bħala pagamenti *interim* fl-2025 ma għandhomx jaqbżu l-1 % tal-appropriazzjonijiet finanzjarji totali għall-programm ikkonċernat. L-ammonti li jridu jitħallsu mill-Kummissjoni fl-2025 li jaqbżu dan il-perċentwal ma għandhomx jitħallsu u għandhom jintużaw esklużivament għall-ikklerjar tal-prefinanzjament fl-għeluq.”

- (4) Fl-Artikolu 48, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu d-dokumenti msemmija taħt il-punti (a), (b) u (c) għas-sena ta’ kontabilità finali sal-15 ta’ Frar 2026.”

#### *Artikolu 16*

#### **Emendi għar-Regolament (UE) 2021/523 [ETIAS]**

Ir-Regolament (UE) 2021/523 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

- (a) mal-paragrafu 1 jiżdied il-punt li ġej:

“(h) għall-appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta’ STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../...<sup>68</sup> [ir-Regolament dwar STEP]”

- (b) mal-paragrafu 2 jiżdied il-punt li ġej:

“(e) jappoġġa operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment relatati mal-oqsma msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 8(1).”

- (2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

- (a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha tkun EUR **33 652 310 073** fi prezzijiet kurrenti. Din għandha tkun bi provviżjonament bir-rata ta’ 40 %. L-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(3) għandu jittqies ukoll għall-kontribut għall-proviżjonament li jirriżulta minn dik ir-rata ta’ provviżjonament.”;

- (b) Fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Ammont ta’ EUR **18 827 310 073** fi prezzijiet kurrenti tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).”;

- (c) Ir-raba’ subparagrafu tal-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Id-distribuzzjoni indikattiva tal-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE hija stabbilita fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista’ tiddevja mill-ammonti msemmija fl-Anness I b’sa 15 % għal kull oġġettiv imsemmi fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 3(2). Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b’tali devjazzjoni.”

<sup>68</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

- (3) Fl-Artikolu 7(3), jiżdied subparagrafu ieħor:
- “B’deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-appoġġ mill-istrumenti finanzjarji jiġi kkombinat fi prodott finanzjarju f’pożizzjoni subordinata għall-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament u/jew il-garanzija tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/1017, it-telf, id-dħul u r-ripagamenti mill-prodotti finanzjarji kif imsemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll l-irkupri potenzjali, jistgħu jiġu attribwiti wkoll fuq bażi mhux pro rata bejn l-istrumenti finanzjarji u l-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament u/jew il-garanzija tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/1017.”
- (4) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:
- (a) Fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “1. Il-Fond InvestEU għandu jopera permezz tal-**ħames** twieqi ta’ politika li ġejjin li għandhom jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta’ investiment subottimali fil-kamp ta’ applikazzjoni speċifiku tagħhom.”;
- (b) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (e) li ġej:
- “(e) tieqa ta’ politika ta’ STEP, li tinkludi investimenti li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta’ STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP]”.
- (5) Fl-Artikolu 10, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “Fejn ftehim ta’ garanzija jkun ġie konkluż fi żmien **12-il xahar** mill-konklużjoni tal-ftehim ta’ kontribuzzjoni, il-ftehim ta’ kontribuzzjoni għandu jiġi terminat jew jittawwal bi ftehim reċiproku. Jekk l-ammont ta’ ftehim ta’ kontribuzzjoni ma jkunx ġie impenjat kompletament taħt ftehim ta’ garanzija wieħed jew aktar fi żmien 12-il xahar mill-konklużjoni tal-ftehim ta’ kontribuzzjoni, dan l-ammont għandu jiġi emendat kif meħtieġ. L-ammont mhux użat ta’ proviżjonament attribwibbli lill-ammonti allokat i mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-FEMSA implimentati permezz tal-Programm InvestEU stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060 jew skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FAEŻR implimentat permezz tal-Programm InvestEU stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jerġa’ jintuża f’konformità ma’ daw k ir-Regolamenti rispettivi. L-ammont mhux użat tal-proviżjonament attribwibbli lill-ammonti allokat i minn Stat Membru skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta’ dan ir-Regolament għandu jitħallas lura lill-Istat Membru.”
- (6) L-Artikolu 13(4) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “4. **Mill-inqas** 75 % tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal **mill-inqas EUR 25 239 232 554**, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. Il-Grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal **mill-inqas EUR 6 309 808 138**. Dik il-kontribuzzjoni għandha tingħata b’mod u għamla li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Fond InvestEU u l-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(2).”;
- (7) Fl-Artikolu 23, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:
- “3. Fil-kuntest tal-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe Siġill tas-Sovranità mogħti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] għal proġett”.
- (8) L-Artikolu 24(2) huwa emendat kif ġej:

- (a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “il-Kumitat tal-Investment għandu jiltaqa’ f’**ħames** konfigurazzjonijiet differenti, li jikkorrispondu għall-**ħames** twieqi ta’ politika msemmijin fl-Artikolu 8(1).”
- (b) Il-ħames subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Erba’ membri tal-Kumitat tal-Investment għandhom ikunu membri permanenti ta’ kull waħda mill-**ħames** konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Investment. Mill-inqas wieħed mill-membri permanenti għandu jkollu għarfien espert fl-investment sostenibbli. Barra minn hekk, kull waħda mill-**ħames** konfigurazzjonijiet għandu jkollha żewġ esperti b’esperjenza fl-investment f’setturi koperti mit-tieqa ta’ politika korrispondenti. Il-Bord ta’ Tmexxija għandu jassenja l-membri tal-Kumitat tal-Investment għall-konfigurazzjoni jew konfigurazzjonijiet xierqa tiegħu. **Membru mhux permanenti jista’ jiġi assenjat massimu ta’ żewġ konfigurazzjonijiet, dment li jkun jissodisfa r-rekwiżiti għat-tnejn li huma.** Il-Kumitat tal-Investment għandu jaħtar President minn fost il-membri permanenti tiegħu.”
- (9) Fl-Artikolu 25, jiżdied il-punt (j) mal-paragrafu 2 kif ġej:
- “(j) jipprovdi appoġġ konsultattiv lill-manigġers ta’ fondi ta’ ekwità attivi fl-oqsma msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 8(1).”
- (10) Fl-Artikolu 26, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:
- “5. Minbarra l-paragrafu 4, is-sħab ta’ implimentazzjoni għandhom jeżaminaw ukoll proġetti li jkunu ngħataw is-Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP] kull meta dawk il-proġetti jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom”.
- (11) Fl-Artikolu 35, jiżdied il-paragrafu 5 kif ġej:
- “5. B’deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16 ta’ dan ir-Regolament, l-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investment approvati mis-sieħeb ta’ implimentazzjoni mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-iffirmar ta’ ftehim ta’ garanzija jew l-emenda ta’ wieħed eżistenti li jkopri t-Tieqa ta’ STEP jistgħu jkunu koperti mill-garanzija tal-UE sakemm dawk l-operazzjonijiet ikunu indikati fil-ftehim ta’ garanzija, jgħaddu mill-kontroll tal-politika msemmi fl-Artikolu 23(1) jew jirċievu opinjoni favorevoli fil-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI u jkunu fiż-żewġ każijiet approvati mill-Kumitat tal-Investment f’konformità mal-Artikolu 24.”
- (12) Fl-Anness I, jiżdied il-punt (e) kif ġej:
- “(e) sa EUR **7 500 000 000** għall-oġettivi msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 3(2).”
- (13) Fl-Anness II, jiddaħħal il-punt 16 kif ġej:
- “(16) iż-żieda, l-użu u l-manifattura fuq skala kbira tat-teknoloġiji kritiċi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], kif ukoll il-katina tal-valur rispettiva msemmija fl-Artikolu 2(4) ta’ dak ir-Regolament.”
- (14) Fl-Anness III, jiddaħħal il-punt 9 kif ġej:
- “7a. STEP
- 7a.1 Investment mobilizzat skont il-qasam tat-teknoloġija: i) teknoloġiji profondi u diġitali, ii) teknoloġiji nodfa u iii) bijoteknoloġiji.”

7a.2 Impjiegi maħluqa jew appoġġati.

7a.2 Numru ta' intrapriżi appoġġati skont il-qasam tat-teknoloġija: i) teknoloġiji profondi u diġitali, ii) teknoloġiji nodfa u iii) bijoteknoloġiji.

### *Artikolu 17*

#### **Emendi għar-Regolament (UE) 2021/695 [Orizzont Ewropa]**

Ir-Regolament (UE) 2021/695 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' **EUR 86 623 000 000** fi prezzijiet attwali għall-programm speċifiku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) u għall-EIT u ta' **9 453 000 000** fi prezzijiet attwali għall-programm speċifiku msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2).”

(b) fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“(b) EUR 46 628 000 000 għall-Pilastru II “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea” għall-perjodu 2021 sa 2027, li minnhom:

(i) EUR 6 775 000 000 għar-raggruppament “Saħħa”;

(ii) EUR 1 350 000 000 għar-raggruppament “Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva”;

(iii) EUR 1 276 000 000 għar-raggruppament “Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà”;

(iv) EUR 13 229 000 000 għar-raggruppament “Diġitali, Industrija u Spazju”;

(v) EUR 13 229 000 000 għar-raggruppament “Klima, Enerġija u Mobbiltà”;

(vi) EUR 8 799 000 000 għar-raggruppament “Ikkel, Bijoeconomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent”;

(vii) EUR 1 970 000 000 għall-azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-JRC;

(c) EUR **13 237 000 000** għall-Pilastru III “Ewropa Innovattiva” għall-perjodu 2021 sa 2027, li minnhom:

(i) EUR **10 052 000 000** għall-EIC;

(ii) EUR 459 000 000 għall-Ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni;

(iii) EUR 2 726 000 000 għall-EIT;”

(2) Fl-Artikolu 46, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. B'deroga mill-Artikolu 209(3) tar-Regolament Finanzjarju, il-ħlasijiet lura inklużi l-avvanzi rimborżati, dħul u ammonti mhux użati netti wara t-tariffi u l-kostijiet tal-finanzjament imħallat tal-EIC tal-pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(3), punt (f) u l-Artikolu 21(4) u (5) tar-Regolament Finanzjarju. Ir-restrizzjoni taż-żmien ta' sentejn stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 209(3) tar-Regolament

Finanzjarju għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament .../...<sup>69</sup>. [Ir-Regolament dwar STEP]”.

- (3) Fl-Artikolu 48, jiżdied il-punt (d) li ġej mal-ewwel subparagrafu:

“(d) appoġġ f’forma ta’ ekwità biss meħtieġ għall-espansjoni għall-SMEs mhux bankabbli, inklużi negozji ġodda, u l-kumpaniji żgħar b’kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, inklużi entitajiet li diġà rċewew appoġġ f’konformità mal-punti (a) sa (c), li jwettqu innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela mhux bankabbli fit-teknoloġiji kritiċi msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], iffinanzjata skont l-Artikolu 3(b) ta’ dak ir-Regolament.”

#### *Artikolu 18*

#### **Emendi fir-Regolament (UE) 2021/697 [EDF]**

Ir-Regolament (UE) 2021/697 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej

- (a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. F’konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2021/695, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2027 għandu jkun ta’ EUR **9 453 000 000** bi prezzijiet attwali.”

- (b) fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(a) EUR **3 151 000 000** għal azzjonijiet ta’ riċerka;

(b) EUR **6 302 000 000** għal azzjonijiet ta’ żvilupp.”

- (c) Il-paragrafu 5 huwa miżjud:

“Ammont ta’ EUR **1 500 000 000** fi prezzijiet attwali tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi allokati għal sejħiet għal proposti jew għotjiet ta’ finanzjament li jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta’ STEP imsemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament .../...<sup>70</sup> [ir-Regolament dwar STEP].”

#### *Artikolu 19*

#### **Emendi fir-Regolament (UE) 2021/241 [RRF]**

Ir-Regolament (UE) 2021/241 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jipproponu wkoll li jinkludu fil-pjan tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, bħala kostijiet stmati, l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar InvestEU esklużivament għall-miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta’ investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi

<sup>69</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

<sup>70</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../...<sup>71</sup> [ir-Regolament dwar STEP]. Dawk il-kostijiet ma għandhomx jaqbu s-6 % tal-allokkazzjoni finanzjarja totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-miżuri rilevanti, kif stabbilit fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament."

(2) Fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Qabel it-tnedija ta' kwalunkwe sejħa għal proposti jew proċedura ta' sejħa għal offerti b'rabta mal-oġettivi ta' STEP, kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [ir-Regolament dwar STEP], l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li ġejja dwar il-portal tas-sovranità msemmi fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament:

- (a) żona ġeografika koperta mis-sejħa għal proposta;
- (b) investiment ikkonċernat;
- (c) tip ta' applikanti eliġibbli;
- (d) ammont totali ta' appoġġ għas-sejħa;
- (e) dati għal bidu u t-tmiem tas-sejħa;
- (f) link għas-sit web fejn se tiġi ppubblikata s-sejħa."

## **KAPITOLU 3**

### **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

#### *Artikolu 20*

#### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>71</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **Werrej**

|        |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |   |
|--------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---|
| 1.     | FRAMEWORK OF THE PROPOSAL/INITIATIVE .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | 3 |
| 1.1.   | Title of the proposal/initiative .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | 3 |
| 1.2.   | Policy area(s) concerned .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | 3 |
| 1.3.   | The proposal/initiative relates to: .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | 3 |
| 1.4.   | Objective(s) .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | 3 |
| 1.4.1. | General objective(s) .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | 3 |
| 1.4.2. | Specific objective(s) .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | 3 |
| 1.4.3. | Expected result(s) and impact .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  | 4 |
| 1.4.4. | Indicators of performance .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | 4 |
| 1.5.   | Grounds for the proposal/initiative .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | 4 |
| 1.5.1. | Requirement(s) to be met in the short or long term including a detailed timeline for roll-out of the implementation of the initiative .....                                                                                                                                                                                                                                          | 4 |
| 1.5.2. | Added value of Union involvement (it may result from different factors, e.g. coordination gains, legal certainty, greater effectiveness or complementarities). For the purposes of this point 'added value of Union involvement' is the value resulting from Union intervention which is additional to the value that would have been otherwise created by Member States alone. .... | 5 |
| 1.5.3. | Lessons learned from similar experiences in the past .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | 5 |
| 1.5.4. | Compatibility with the Multiannual Financial Framework and possible synergies with other appropriate instruments .....                                                                                                                                                                                                                                                               | 5 |
| 1.5.5. | Assessment of the different available financing options, including scope for redeployment .....                                                                                                                                                                                                                                                                                      | 6 |
| 1.6.   | Duration and financial impact of the proposal/initiative .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | 7 |
| 1.7.   | Management mode(s) planned .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     | 7 |
| 2.     | MANAGEMENT MEASURES .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | 7 |
| 2.1.   | Monitoring and reporting rules .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 | 7 |
| 2.2.   | Management and control system(s) .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | 8 |
| 2.2.1. | Justification of the management mode(s), the funding implementation mechanism(s), the payment modalities and the control strategy proposed .....                                                                                                                                                                                                                                     | 8 |
| 2.2.2. | Information concerning the risks identified and the internal control system(s) set up to mitigate them .....                                                                                                                                                                                                                                                                         | 8 |
| 2.2.3. | Estimation and justification of the cost-effectiveness of the controls (ratio of "control costs ÷ value of the related funds managed"), and assessment of the expected levels of risk of error (at payment & at closure) .....                                                                                                                                                       | 8 |
| 2.3.   | Measures to prevent fraud and irregularities .....                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | 8 |

|        |                                                                                                |    |
|--------|------------------------------------------------------------------------------------------------|----|
| 3.     | ESTIMATED FINANCIAL IMPACT OF THE PROPOSAL/INITIATIVE.....                                     | 9  |
| 3.1.   | Heading(s) of the multiannual financial framework and expenditure budget line(s) affected..... | 9  |
| 3.2.   | Estimated financial impact of the proposal on appropriations.....                              | 11 |
| 3.2.1. | Summary of estimated impact on operational appropriations.....                                 | 11 |
| 3.2.2. | Estimated output funded with operational appropriations .....                                  | 16 |
| 3.2.3. | Summary of estimated impact on administrative appropriations.....                              | 18 |
| 3.2.4. | Compatibility with the current multiannual financial framework.....                            | 20 |
| 3.2.5. | Third-party contributions .....                                                                | 20 |
| 3.3.   | Estimated impact on revenue .....                                                              | 21 |

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-Politika Industrijali  
Patt Ekoloġiku Ewropew  
Ewropa Lesta għall-Era Diġitali  
Suq Uniku

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>72</sup>

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☒ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

### 1.4. Objettiv(i)

#### 1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Matul dawn l-aħħar snin, l-UE implimentat sett komprensiv ta' strumenti biex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-Ewropa. Filwaqt li l-UE kienet qed tipprowdi finanzjament stabbli kemm għat-tranżizzjoni kemm ekoloġika kif ukoll diġitali, il-fondi huma ġeneralment jitqassmu f'diversi programmi ta' nfiq u jsegwu regoli differenti. L-iżgurar tal-koerenza bejn dawn il-fondi eżistenti lejn objettiv komuni għandu l-potenzjal li jtejjeb l-effettività tagħhom u jaċċellera l-appoġġ għas-setturi industrijali li huma kritiċi għat-tranżizzjoni doppja.

STEP għandha l-għan li ssaħħaħ il-vantaġġ Ewropew fir-rigward tat-teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, minn teknoloġiji relatati mal-computing, inklużi l-mikroelettronika, il-computing kwantistiku, u l-intelliġenza artifiċjali; sal-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura, u t-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.

STEP timmira li tilħaq l-objettivi tagħha permezz tal-mezzi li ġejjin:

1. L-għoti ta' flessibbiltà lill-istrumenti eżistenti
2. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-istrumenti eżistenti
3. Il-ħolqien ta' sinerġiji fost l-istrumenti lejn l-għan komuni

<sup>72</sup>

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

#### 1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

(a) l-appoġġ għall-iżvilupp jew il-manifattura madwar l-Unjoni ta' teknoloġiji kritiċi, jew is-salvagwardja u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur rispettivi, fl-oqsma li ġejjin, sakemm daww it-teknoloġiji jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet:

(i) teknoloġiji profondi u diġitali

(ii) teknoloġiji nodfa

(iii) bijoteknoloġiji

(b) l-indirizzar tal-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi ta' kwalità b'appoġġ għall-oġettiv taħt il-punt (a).

#### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

L-impatt mistenni tal-Pjattaforma jinkludi tisħiħ sostanzjali tal-kapaċitajiet industrijali u tal-kompetittività tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tat-teknoloġiji nodfa, tal-bijoteknoloġija u tat-teknoloġiji profondi. Dan l-impatt huwa mistenni li jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja globali f'dawn l-oqsma kritiċi li fl-aħħar mill-aħħar se jtejjeb it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività internazzjonali tal-UE.

#### 1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

##### **Indikaturi:**

1. Intrapriżi appoġġati
2. Numru ta' parteċipanti f'taħriġiet
3. Investiment totali mobilizzat
4. Għadd ta' impjiegi maħluqa jew miżmuma

### 1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

#### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament jenħtieġ li jkun applikabbli bis-sħiħ ftit wara l-adozzjoni tiegħu, jiġifieri fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, xi azzjonijiet se jibdew mid-data tal-adozzjoni tal-proposta mill-Kummissjoni:

- Il-Kummissjoni se tibda tintegra l-oġettivi ta' STEP fl-implimentazzjoni kontinwa tal-programmi, bħal taħt Orizzont Ewropa jew il-Fond għall-Innovazzjoni.

- Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi Punt Uniku ta' Servizz minn dan il-punt 'il quddiem biex jaġixxi bħala l-koordinatur ċentrali fost l-istrumenti tal-UE għall-finijiet tal-Pjattaforma. Maż-żmien, l-istruttura se tikber biex jiġu integrati riżorsi addizzjonali.

Iż-żewġ azzjonijiet ta' hawn fuq jenħtieġ li jkunu jistgħu jipproduċu riżultati sa tmiem l-2023.

Soġġett għall-adozzjoni ta' din il-proposta mill-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni beħsiebha tuża malajr ħafna r-riżorsi addizzjonali fil-programmi magħżula sabiex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jibdew jirċievu appoġġ finanzjarju jew jimplimentaw garanzija addizzjonali tal-UE mill-2024.

- 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni, li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku mod ieħor kien jinhloq mill-Istati Membri waħedhom.*

L-UE fl-intier tagħha tinsab fuq quddiem nett tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu segwiti t-tranżazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Billi jaġixxu flimkien, l-Istati Membri jistgħu jiġbru aħjar ir-riżorsi tagħhom biex jilhqqu dawn l-oġettivi u jsaħħu l-effettività tal-azzjonijiet.

Is-sostenn tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'bażi industrijali b'saħħitha jeħtieġ azzjoni kkoordinata fost l-Istati Membri, anki fid-dawl tal-kompetizzjoni globali biex jiġu attirati l-kapital u l-investimenti.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Fi snin preċedenti l-UE adottat bidliet regolatorji biex tħaffef l-użu tal-fondi tal-UE, pereżempju CARE u FAST CARE huma eżempji fejn il-fondi ta' koeżjoni ġew suġġetti għal bidliet immirati biex tiġi indirizzata kriżi emerġenti.

Reċentement l-UE adottat ukoll ir-Regolament dwar ir-REPowerEU biex issaħħaħ il-kapaċità ta' strument eżistenti, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u fl-istess ħin tagħmel aktar flessibbli l-possibbiltà li jintużaw fondi oħra għall-finijiet tar-REPowerEU.

Dawn l-esperjenzi tqiesu fit-tfassil tal-proposta.

- 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Dan ir-Regolament johlq il-kundizzjonijiet meħtieġa għal użu aktar effettiv, effiċjenti u mmirat tal-fondi eżistenti tal-UE f'isem appoġġ akbar għall-proġetti ta' STEP. Matul dawn l-aħħar snin, l-UE implimentat sett komprensiv ta' strumenti biex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-Ewropa.

L-għażla tas-simplifikazzjoni u l-użu aħjar tal-istrumenti eżistenti fuq il-ħolqien ta' strument ġdid ta' marka għandha żewġ vantaġġi ewlenin. L-ewwel nett, it-twaqqit. Peress li l-ħolqien ta' strument ġdid potenzjalment jieħu żmien twil, il-ġbir flimkien tal-istrumenti eżistenti jista' jsir ħafna aktar malajr. Dan ikun vantaġġ inkontestabbli għall-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE peress li huma jkollhom iċ-ċans li jgawdu l-benefiċċji tal-finanzjament tal-UE aktar malajr. It-tieni, it-taħlit ta' sorsi differenti ta' finanzjament – taħt ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża – jista' jwassal ukoll għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi.

Filwaqt li l-proposta ta' STEP hija inkorporata bis-siġh fil-QFP eżistenti u fl-istrumenti attwali, teħtieġ ukoll riżorsi addizzjonali biex jintlaħqu l-oġettivi. Bħala tali, bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP, il-Kummissjoni qed tipproponi żidiet immirati għal STEP.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

|     |
|-----|
| N/A |
|-----|

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

### ☒ durata limitata

- ☒ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sal-31/12/2030
- ☒ Impatt finanzjarju mill-2023 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2023 sal-2030 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

### ☐ durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)<sup>73</sup>

### ☒ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☒ mill-aġenziji eżekuttivi

### ☒ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

#### ☒ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☒ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar STEP, il-Kummissjoni għandha tipprova rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-

<sup>73</sup>

Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>

implimentazzjoni ta' STEP. Ir-rapport annwali għandu jipprovdi informazzjoni konsolidata dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi ta' STEP taħt kull wieħed mill-programmi msemmija fl-Artikolu 2, inklużi:

(a) in-nefqa globali fuq STEP iffinanzjata taħt il-programmi rispettivi

(b) il-prestazzjoni tal-investimenti ta' STEP fuq il-bażi tal-indikaturi komuni

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar STEP, il-Kummissjoni se tfassal rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Fond sa mhux aktar tard mill-31/12/2025 u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu, b'mod partikolari, jivvaluta sa fejn intlaħqu l-oġġettivi, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew. Huwa għandu jindirizza wkoll ir-rilevanza kontinwa tal-oġġettivi u l-azzjonijiet kollha.

## **2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**

### **2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta***

STEP għandha tiġi implimentata f'konformità mal-mod ta' ġestjoni, mal-modalitajiet ta' pagament u mal-istrateġija ta' kontroll applikabbli għall-programmi msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

### **2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom***

STEP se tibbaża fuq l-istrumenti eżistenti tal-UE, inklużi s-sistemi ta' kontroll tagħhom, u bħala tali jenħtieġ li ma tirriżultax f'riskji addizzjonali.

### **2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)***

Il-baġit se jiġi implimentat f'konformità mal-mod ta' ġestjoni, mal-modalitajiet ta' pagament u mal-istrateġija ta' kontroll applikabbli għall-programmi msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament. Dan l-approċċ jiggarrantixxi implimentazzjoni effiċjenti tal-fondi, bl-użu ta' sistemi ta' kontroll iġġerati li diġà huma stabbiliti.

## **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Pjattaforma għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament. Il-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni se jkunu daww diġà fis-seħħ għal daww il-programmi.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja                                                                                                                                                                                                                               | Tip ta' nefqa                  | Kontribuzzjoni                          |                                                                    |                         |                                         |
|-----------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------|-----------------------------------------|--------------------------------------------------------------------|-------------------------|-----------------------------------------|
|                                               | Numru                                                                                                                                                                                                                                         | Diff./Mhux diff. <sup>74</sup> | mill-pajjiżi tal-EEA-EFTA <sup>75</sup> | minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali <sup>76</sup> | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor                     |
| 1                                             | 01.020210 Ir-raggruppament “Saħħa” (Orizzont Ewropa)                                                                                                                                                                                          | Diff                           | Iva                                     | Iva                                                                | Iva                     | Iva                                     |
| 1                                             | 01.020220 Ir-raggruppament “Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva” (Orizzont Ewropa)                                                                                                                                                       | Diff                           | Iva                                     | Iva                                                                | Iva                     | Iva                                     |
| 1                                             | 01.020230 Ir-raggruppament “Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà” (Orizzont Ewropa)                                                                                                                                                                    | Diff                           | Iva                                     | Iva                                                                | Iva                     | Iva                                     |
| 1                                             | 01.020240 Ir-raggruppament “Diġitali, Industrija u Spazju” (Orizzont Ewropa)                                                                                                                                                                  | Diff                           | Iva                                     | Iva                                                                | Iva                     | Iva                                     |
| 1                                             | 01.020250 Ir-raggruppament “Klima, Enerġija u Mobbiltà” (Orizzont Ewropa)                                                                                                                                                                     | Diff                           | Iva                                     | Iva                                                                | Iva                     | Iva                                     |
| 1                                             | 01.020260 Ir-raggruppament “Ikkel, Bijoeconomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent” (Orizzont Ewropa)                                                                                                                                  | Diff                           | Iva                                     | Iva                                                                | Iva                     | Iva                                     |
